# In-Nazzjon

netnews.com.mt

Nru 16,070
It-Tnejn,
22 ta' Novembru, 2021
€1



# Tintemm b'suċċess il-Fun Run tal-President

**Keane Cutajar**

It-12-il edizzjoni tal-Fun Run tal-President saret b'suċċess, attività li ilha tittella' sa mill-2009 u għall-ewwel darba saret madwar Malta u Għawdex. Din l-inizjattiva rritornat f'pajjiżna wara nuqqas s-sena li għaddiet minħabba restrizzjonijiet u l-imxija tal-pandemija, u matulha ngabru flus għall-Malta Community Chest Fund Foundation.

Filwaqt li kull lokalità, permezz tal-Kunsilli Lokali, ħolqot l-attivitajiet tagħha, l-pubbliku wieġeb għas-sejħa tal-President ta' Malta u ħareġ fit-toroq ta' pajjiżna f'attività ta' għaqda nazzjonali.

L-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż għamlu l-mixja tagħhom fil-lokalità taż-Żejtun fejn fost l-oħrajn kien hemm preżenti l-President George Vella, l-Prim Ministru Robert Abela, l-Kap tal-Oppożizzjoni Bernard Grech, li min-naħa tiegħu kien akkumpanjat minn AnnMarie Grech.

Wassal il-messaġġ tiegħu qabel it-tluq miż-Żejtun, l-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna.

Preżenti wkoll fiż-Żejtun kien hemm il-Viċi Kap tal-Partit Nazzjonalista David Agius, is-Segretarju Ġenerali tal-PN Michael Piccinino kif ukoll il-President tal-PN għad-Djalogu Soċjali Ivan J. Bartolo. Deputati u Kandidati tal-PN ipparteċipaw fil-Fun Run f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż.

**Għal paġna 3**



## Inkomplu nikbru flimkien bħala poplu u nkunu tassew hemm għal xulxin

-Bernard Grech f'messaġġ fl-għeluq tal-Fun Run



Żewġ anzjani jinqabdu f'karozza wara li nqalbet f'sit ta' kostruzzjoni

**Ara paġna 2**




# Joħroġ aktar fil-beraħ l-iżbilanċ fix-Xandir Pubbliku

**James Aaron Ellul**

Jum wara l-ieħor kull ma jmur aktar qed joħroġ kemm hemm żbilanċ fix-Xandir Pubbliku, bil-Ministru Carmelo Abela iżda jgħid mod ieħor u jsostni li l-Oppożizzjoni Nazzjonalista u l-NGOs qed ikunu rappreżentati aktar.

F'intervista f'The Malta Independent, il-Ministru Abela qal li l-Gvern ġab aktar stabbiltà u bilanċ fix-xandir iżda fl-aħħar aġġornament dwar l-iżbilanċ fix-Xandir Pubbliku, l-PL kellu 13% ta' rappreżentanza matul il-bullettin tat-8pm, filwaqt li l-PN 6%.

Il-PN tenna għadd ta' drabi li l-Gvern Laburista biddel ix-Xandir Pubbliku f'magna ta' propoganda għall-Gvern stess, magna li ddawwar l-aħbar favur Robert Abela u l-Partit Laburista. F'analiżi li kienet saret, ħareġ li l-ewwel tmien minuti tal-aħbarijiet huma ddomintati minn aħbarijiet tal-Gvern Laburista.

F'din l-analiżi ħareġ ċar id-differenza li jkun hemm bejn kemm jingħata ħin lill-Gvern Laburista u lill-Partit Nazzjonalista. Fejn f'ħafna drabi l-Ministri jitteħdulhom kummenti, filwaqt li esponenti tal-PN xejn.

L-appell tal-PN huwa l-irwol tal-PBS ikun wieħed li jħares il-prinċipji demkratiċi ta' pajjiżna u jibqa' jsegwi dak kollu li qed jiġri kuljum. Dan filwaqt li jirriserva kull dritt li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex ikunu salvagwardjati d-demokrazija, t-trasparenza u d-dritt għall-informazzjoni.

# 122 każ ġdid ta' COVID-19

Fl-aħħar 24 siegħa kellna 122 każ ġdid ta' COVID-19, dan huwa l-ikbar ammont ta' każi minn Lulju li għadda. Ifisser ukoll li fl-aħħar jumejn kelna kważi 200 każ ġdid. U l-ġimgħa li għaddiet kienu nstabu 411 każi ġodda.

Il-każi attivi s'issa huma ta' 847 wara li fl-aħħar sigħat fiequ 41 persuna.

Dan filwaqt li fl-Isptar Mater Dei hemm 12-il persuna, bi tnejn minnhom jinsabu fit-Taqsima tal-Kura Intensiva jingħataw il-kura għal sintomi li qed jesperjenzaw kawża tal-*virus*.

Fortunatament, l-ebda persuna ma tilfet ħajjitha kaġun tal-pandemija.

B'kollox s'issa ngħataw 93,247 doża tal-*booster*.



# Żewġ anzjani jinqbadu f'karozza wara li nqalbet f'sit ta' kostruzzjoni

**Christine Mamo**

Membri tal-Protezzjoni Ċivili ħadu sehem f'ħidma sabiex itellgħu karozza b'żewġ anzjani li spiċċaw maqbudin fiha, wara li nqalbet f'sit tal-kostruzzjoni fi Triq il-Qawra, l-Qawra. Dan wara li l-vettura kienet involuta f'inċident u nqalbet għal isfel.

Matul din il-ħidma, l-karozza nżammet bi ħbula minn numru ta' persuni f'attentat biex ma tibqax niezla għal isfel u jissograw il-ħajja ta' dawk li kien hemm maqbudin fiha.

Jidher li s-sewwieq, anzjan ta' 74 sena kien qed isuq Toyota Aygo meta għal xi raġuni tilef il-kontrol tal-vettura u din waqgħet fis-sit ta' kostruzzjoni. Flimkien miegħu kien hemm anzjana oħra ta' 72 sena, t-tnejn huma residenti fil-Belt Valletta.

Fuq il-post waslet ukoll ambulanza biex tassisti lil dawk involuti. Huma ttieħdu l-Isptar biex jingħataw l-assistenza għax-xokk li esperjenzaw. Fortunatament ma sofrew l-ebda ġrieħi.




# Konferma li l-Ministru għas-Saħħa Chris Fearne kien jaf li d-deal tat-tliet sptarijiet kien skandaluż

**Keane Cutajar**

Il-Ministru għas-Saħħa Chris Fearne ilu jaf li id-*deal* tal-isptarijiet huwa wieħed ħażin sa mill-2019. *Deal* li qed iwassal għal serqa ta' miljuni ta' ewro mill-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin. *Deal* li għadu sal-lum fis-seħħ, minkejja li l-Ministru għas-Saħħa ilu jaf li huwa wieħed skandaluż.

Dan kien konfermat mis-Sunday Times of Malta, meta rrapurtaw li l-Ministru għas-Saħħa tal-lum, Id-Deputat Prim Ministru Chris Fearne, u l-Ministru għas-Saħħa meta kien sar id-*deal* Konrad Mizzi, kellhom argument jaħraq dwar id-deċiżjoni li l-isptarijiet jinbiegħu lill-barranin.

It-Times irrapurtaw wkoll kif Chris Fearne kien mar għand Joseph Muscat, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, u qallu li d-*deal* ma setax jibqa' fis-seħħ.

Dan kollu jikkonferma kif minkejja bidla fit-tmexxija tal-Partit Laburista, minkejja li Chris Fearne huwa inkarigat mis-settur tas-saħħa u minkejja li kemm hu kif ukoll Robert Abela ilhom jafu mill-2019 li l-familji qed jinsterqu, ħallew dan id-*deal* tat-tliet sptarijiet ma' Steward Healthcare fis-seħħ.

Ikkuntattjat mit-Times, Chris Fearne qal li madwar 18-il xahar wara li Steward ħadu f'idejhom l-isptarijiet, sar jaf li l-kumpanija Amerikana kienet qed tiddiskuti reviżjonijiet fil-ftehim mal-Ministeru tat-Turiżmu li kien f'idejn Konrad Mizzi. Fearne saħaq li kien għamilha ċara li ma kienx favur dan id-*deal* u stqar li ma kienx



aċċettabbli li d-diskussjonijiet saru minn wara dahru.

Chris Fearne qal li s-sitwazzjoni kienet eskalat meta sar jaf li Steward kienu ġejjin Malta biex jiffirmaw il-ftehim. Dan meta mar għand Joseph Muscat u qallu li ma japprovax dak li kien għaddej. Din mhux biss hija konferma tad-diżgwit fil-Labour, iżda konferma tal-kontinwità li wiegħed Robert Abela, meta ilhom jafu li hemm xi ħaġa ħażina għal diversi snin u baqgħu ma waqqfux id-*deal*.

Wieħed tajjeb ifakkar li Chris Fearne kien ikkontesta lil Robert Abela biex jilħaq Prim Ministru iżda l-magna tal-Partit Laburista kienet ħadmet biex Prim Ministru jilħaq Robert Abela u mhux Chris Fearne.

Ftit wara li sar Prim Ministru Abela kien qal li waqqaf hekk imsejjaħ grupp ta' ħidma biex jirrevedi l-konċessjoni u jiddeċiedi dwar il-futur tal-kuntratti ma' Steward. Għaddew kważi sentejn u dwar dan il-grupp ma smajna xejn, id-*deal* tal-isptarijiet għadu fis-seħħ u l-miljuni li qed nagħtu lil Steward baqgħu jiżdiedu. Dan meta għas-sena li ġejja, fil-Baġit, il-Gvern Laburista ħabbar li se jżid in-nefqa bi kważi €20 miljun biex b'hekk, għal dan id-*deal* skandaluż, il-poplu Malti se jkun qed iħallas €70 miljun.

Mistoqsi dwar din iż-żieda fin-nefqa, l-għada tal-qari tal-Baġit, Chris Fearne kien infexx f'attakk politiku fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista. Mhux talli jaf li hemm xi ħaġa ħażina fid-*deal* u m'għamel xejn dwaru, imma talli meta mistoqsi mill-ġurnalisti, xorta għażel li jitkellem b'mod partiġġjan.

Apparti dan kollu, fl-aħħar ġimgħat sirna nafu wkoll li Joseph Muscat irċieva €60,000 "miżati ta' konsulenza" mingħand kumpanija Żvizzera li tħallset €3.6 miljun minn Steward Healthcare fl-2018. Dan filwaqt li rapport ppubblikat s-sena l-oħra mill-Awditur Ġenerali sab "tħassib serju" fil-mod ta' kif ingħata l-kuntratt tal-isptarijiet lill-barranin. L-Awditur Ġenerali qal li Vitals rebħet il-kuntratt wara "kollużjoni" bejn l-investituri u l-Gvern.

Fl-aħħar jiem, Bernard Grech flimkien ma' Adrian Delia ressqu Protest Ġudizzjarju li żamm responsabbli lill-Prim Ministru l-Membri kollha tal-Gvern Laburista talli qed jibqgħu ċassi quddiem din is-sitwazzjoni. Dan filwaqt li Adrian Delia ilu għal dawn l-aħħar snin b'kawża li għadha għaddejja fil-Qrati biex dan id-*deal* jitwaqqaf minnufih. Waqt din il-kawża komplew joħorġu aktar fatti dwar kemm dan id-*deal* kien wieħed korott.

**Niltaqgħu ma' ...**

L-Assoċjazzjoni Pensjonanti, Anzjani Nazzjonalisti (APAN) qed torganizza attività fejn niltaqgħu ma' anzjani li taw sehemhom fil-ħajja politika u soċjali ta' pajjiżna.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2021 bejn l-10.00 u nofsinhar se niltaqgħu ma'**

**Dr FRANCIS ZAMMIT DIMECH**

Avukat, kien il-moħħ wara l-4Ts, awtur, ġurnalist, politiku, Eks Membru Parlamentari Nazzjonalista, Eks Ministru, Eks Membru Parlamentari Ewropew u Eks Segretarju Ġenerali tal-PN.

Din l-attività qed tkun organizzata fid-Dar Ċentrali. Huma mistiedna l-anzjani u l-pensjonanti. Minħabba li l-attività se tkun konformi mal-miżuri mħabbra mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, in-numru ta' parteċipanti se jkun limitat u se jsir permezz ta' booking fuq bażi ta' first come first served.

**Għall-booking ċemplu 25965262 bejn id-9am u l-4pm sa nhar l-Erbgħa, 24 ta' Novembru.** Importanti li kull min jattendi jkun liebes maskra u juri ċ-ċertifikat tal-vaċċin.





# It-12-il edizzjoni tal-Fun Run tal-President saret b'suċċess

minn paġna 1

**Christine Mamo**

Fi tmiem il-Fun Run, fil-Palazz ta' San Anton saret l-attività tal-għeluq li fiha ingħataw tokens kommemorattivi lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex. Matul din l-attività tal-għeluq, wassal il-messaġġ tiegħu il-Kap tal-PN Bernard Grech li qal li għandna nkomplu nikbru flimkien bħala poplu u nkunu tassew hemm għal xulxin u li huwa ferm importanti li biex jikber in-nazzjon f'għaqda waħda, hemm bżonn li kull persuna tkun hemm għall-oħrajn.

F'isem il-Gvern tkellem il-Ministru Byron Camilleri, u għamel messaġġ tal-għeluq il-President ta' Malta George Vella li filwaqt li appella għall-għaqda nazzjonali, fakkar fl-importanza tas-solidarjetà.

L-impenn favur għbir ta' fondi għall-Malta Community Chest Fund Foundation issa jkompli fost l-oħrajn bl-inizjattiva tal-Piggy Banks fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex qabel ma jintlaħaq il-qofol, l-għada tal-Milied fl-Istrina.









# Milied Versatili fit-Teatru Manoel

**Jurgen Xerri**

Tlellix, xinxilli u wħud mill-isbaħ kanzunetti fid-dinja se jinżifnu fuq il-palk tat-Teatru Manoel fis-7 ta' Diċembru għall-kunċert A Versatile Christmas, li se jagħti bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet spettakolari tal-istaġun festiv tat-teatru nazzjonali.

Bis-sehem tal-vuċijiet u l-interpretazzjonijiet ta' Nadine Axisa, Pamela Bezzina, Christine Dalli, Nadia Vella, Martina Borg u Adrian Galea Lucas, A Versatile Christmas se jwassal spettaklu f'żewġ prestazzjonijet li se jsiru fis-7 ta' Diċembru, waħda fis-6.30pm u oħra fid-9pm. Dan f'serata mużikali mmexxija mill-artist kreattiv Antoine Farrugia.

"Minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija, d-dinja tal-arti għadha tinħass xi ftit differenti u kien impossibbli li ntellgħu l-maħbuba pantomima din is-sena," spjega Massimo Zammit Kap Eżekuttiv tat-Teatru Manoel. "Madankollu t-tim tat-teatru kien ħerqan biex joħloq il-maġija festiva xorta waħda, u allura ridna noħorġu b'xi ħaġa iżjed speċjali biex invaraw is-sensiela tagħna għall-Milied."

It-Teatru Manoel ħalla l-organizzazzjoni tas-serata f'idejn Antoine Farrugia u t-tim ilu jaħdem biex joħloq lejla alternattiva li se tkun divertenti għall-familja kollha, u li se timla t-teatru b'atmosfera kbira.

"Kont naf li l-Versatile Brass Band kellha l-mużiċisti ideali biex jikkreaw preċiżament it-tip ta' atmosfera li ridna, u avviċinajt lis-sid u direttur tal-Versatile, Paul Borg, bl-idea tagħna għal dan il-kunċert," qal Farrugia, li għamel isem fix-xena artistika lokali fit-tmun tan-Notte Bianca. "U flimkien qbadna r-ritmu mill-ewwel!"

Il-kunċert A Versatile Christmas se jittella' fis-7 ta' Diċembru fis-6.30pm u fid-9pm.



# Il-Knisja Kattolika tiċċelebra l-festa ta' Kristu Re

Il Knisja Kattolika ċċelebrat il festa liturġika ta' Kristu Re, bl Arċisqof Charles J. Scicluna flimkien mal Isqof Awżiljarju Joseph Galea Curmi stiednu lill Insara jingħaqdu għal din iċ ċele-brazzjoni djoċesana fil Bażilika Minuri ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid.

Aktar kmieni waqt quddiesa (qabel il-Fun Run tal-President), l-Arċisqof qal kemm hi ħaġa sabiħa li nirrikonoxxu li aħna qed nagħmlu festa lil xi ħadd li ħabbna. Qal li ħafna drabi meta nagħtu l-ġieħ fid-dinja, mhux bilfors naħsbu li qegħdin nagħmlu festa lil Ġesù f'ġieħ l-imħabba li biha ħabbna u li din hija wkoll stedina għalina biex nuruh li kapaċi nirrispondu b'imħabba.

# Il-Gvern Laburista se jħalli legat ta' żbilanċ fil-valuri tas-soċjetà Maltija

-Il-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar

Id-Deputat Nazzjonalista u Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar qal li wieħed mil-legat li se jħalli l-Gvern Laburista u żbilanċ negattiv ta' telfien ta' valuri. F'Aġġornament tal-Parlament, il-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar qal li l-Parlament għandu jibgħat messaġġ li l-poplu li mhux lest ibiegħ ruħu għall-populiżmu għaliex il-poplu jixraqlu aħjar.

Sostna li l-Gvern se jħalli legal tal-kultura ta' xejn m'hu xejn. Il-poplu llum sar jaċċetta li kulħadd jitkellem fuq tnaqqir tal-valuri; liema valuri għandhom jibqgħu l-valuri sostnuti mill-poplu Malti.

Jeħtieġ li l-Parlament ma jittollerax li dawn il-valuri jkomplu jitmermru. Huwa inkwetanti li hawn min jitkellem b'mod dwar il-valuri iżda bil-fatti jsiru liġijiet li jmorru kontra dawn il-valuri u prinċipji. Hu appella lill-Gvern biex ma jkomplix jinsulenta lill-poplu Malti.



Il-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar qal li ma jiddejjaqx li, flimkien mad-Deputati Nazzjonalisti, jiddefendi l-valuri tal-poplu Malti, ma jimpurtax li l-PN ikun waħdu jiddefendi dawn il-valuri. Id-Deputat Nazzjonalista u Whip tal-Oppożizzjoni qal li l-liġi tal-cannabis ma tagħmilx ġieħ jekk tkun approvata; l-PN għandu l-obbligu li jiddefendi dak li huwa sewwa u dak li jixraq lill-pajjiż.

Robert Cutajar kompla li l-PN ma jiddejjaqx li jkun insulentat u li min jiddefendi s-sewwa u l-valuri ikun mgħajjar li ma jridx ibiddel. Il-PN lest ibiddel iżda għall-aħjar u biex il-liġijiet ġodda jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti, sostna Robert Cutajar, li appella biex il-liġijiet ikunu qed jappoġġjaw u jgħinu lill-vulnerabbli.

Id-Deputat Nazzjonalista u Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar appella lill-Gvern Laburista biex jifhem x'qed tgħid is-soċjetà u biex jittieħdu deċiżjonijiet li jagħmlu ġieħ lill-pajjiż u lid-deputati.

Qal li dan mhux biss fl-aspett soċjali iżda f'diversi setturi oħra; l-legat tal-Gvern huwa li jiftaħar li jmur kontra kull kurrent fis-soċjetà u jisfida lis-soċjetà u lill-organizzazzjonijiet.

Din hija l-kultura li ħadem għaliha l-Gvern Laburista; l-Gvern mhux qed iwettaq dak li wiegħed, sostna d-Deputat Nazzjonalista, li kompla li dan huwa l-legat tal-Gvern li bih il-pajjiż se jkollu defeċit ta' valuri. Ma jistax ikun li dan il-Gvern jibqa' jinjora l-Awtoritajiet fosthom l-Ombudsman, sostna l-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar.



# Titressaq il-Qorti b'konnessjoni mal-erba' persuni li diġà' tressqu fuq traffikar ta' droga

Ray Abdilla

Mara ta' 42 sena mill-Marsa tressqet il-Qorti b'rabta ma' allegat traffikar ta' droga li sar fil-Marsa u Ħal Qormi, tressqu erba' persuni oħra b'rabta ma' dan il-każ. Paulene Ellul li qalet li taħdem fi grocer wieġbet mhux ħatja tal-akkużi miġjubin kontriha li jinkludu traffikar ta' kokaina, pussess mhux għal użu esklussiv tagħha u li saret reċidiva.

Il-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Ispetturi Justine Grech li flimkien mas-Supretendent Keith Arnaud qalet li l-Pulizija kellha informazzjoni li kien qed isir traffikar ta' fi Triq is-Serkin, il-Marsa u Triq l-Imdina f'Ħal Qormi. Quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia ħareġ li meta daħlu f'residenza fil-Marsa, Ellul kienet ma' l-art u mhux f'sikkitiha. Minħabba f'hekk ħaduha għall-kura l-policlinic biex jissalvagwardjaw l-interessi tagħha.

Il-Prosekuzzjoni qalet li hija kienet mitkellma dwar id-drittijiet tagħha u hemm saret tfittxija fir-residenza fejn instabet droga imferrxa ma' tliet sulari. Kien hemm droga fit-taraġ, xaft, fuq mejda u nħawi oħra tad-dar.

L-Avukat Franco Debono, li flimkien mal-Avukat Marion Camilleri fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-pleġġ faħħar l-aġir tal-Pulizija li mill-ewwel taw każ is-saħħa tal-klijenta tiegħu. Hu staqsa lill-Prosekuzzjoni jekk hux minnu li hija ngħatat il-police bail, u meta mitluba tmur id-Depot marret fil-ħin, bil-Prosekuzzjoni tikkonferma.

Debono qal li kien qed jagħmel it-talba fuq il-pleġġ fuq raġunijiet mediċi u qal ukoll li l-kondotta tagħha mhijiex xi waħda kkulurita u li l-akkużata għadha preżunta innoċenti. Il-Prosekuzzjoni oġġezzjonijiet għal bail minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Hawnhekk il-Qorti staqsiet lill-Prosekuzzjoni biex tagħmel l-argument aktar b'saħħtu fuq il-każ, bl-Ispettur Justine Grech tgħid li kien hemm 248 pakkett kokaina fix-xaft, u drogi oħra f'kull sular. Il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħelsien mill-arrest fuq depożitu ta' €5,000 u garanzija personali fl-istess ammont. Hija trid tiffirma wkoll fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun darbtejn fil-ġimgħa, li tkun id-dar bejn it-8.00pm u l-5.00am.

# L-arrest ta' żgħażagħ li nqabdu bid-droga meqjus bħala invalidu

**Ray Abdilla**

L-arrest ta' żgħażagħ, li tressqu l-Qorti akkużati bi traffikar ta' droga u ħasil ta' flus, ġie ddikjarat invalidu mill-Qorti għax ma ngħatawx kopja tal-mandat li jawtorizza l-arrest tagħhom.

Żagħżugħ ta' 17-il sena mill-Marsa li ismu huwa pprojbit mill-pubblikazzjoni minħabba l-età tiegħu tressaq il-Qorti flimkien ma' Melchior Portelli ta' 24 sena mill-Marsa u Loredana Agius ta' 24 sena mill-Belt.

L-akkużat l-ieħor Luke Orsini ta' 23 sena miż-Żejtun, li l-arrest tiegħu ġie ddikjarat bħala validu ngħata l-libertà proviżorja.

Huma tressqu quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli, akkużati b'konfoffa biex traffikar ta' drogi u pussess aggravat. L-irġiel, li qalu li huma jaqilgħu l-għajxien tagħhom billi jaħslu l-karozzi. Ġew akkużati wkoll b'ħasil tal-flus. It-tliet akkużati wieġbu mhux ħatja tal-akkużi.

L-Ispettur Justine Grech qalet lill-Qorti li l-Iskwadra tad-Droga kienet irċeviet informazzjoni kunfidenzjali li kien qed isir traffikar tad-droga fi stalel fil-Marsa u dar li fiha kien joqgħod iż-żagħżugħ ta' 17-il sena. Il-Pulizija għamlet rejd u sabet lil Luke Orsini fi stalel, li nnutaw li kien mgħammar b'CCTV barra.

Fl-istalel instabu borża, mobile kif ukoll sustanzi suspettati li huma cannabis, 91 qartas ta' kokaina suspettata u 31 qartas ta' eroina suspettata. Mid-dar inqabdu 148 qartas ta' kokaina suspettata, li fiha nstabu ż-żagħżugħ ta' 17-il sena, Loredana Agius u Malcolm Portelli.

Il-Maġistrat, fir-rigward tal-validità tal-arrest taż-żagħżugħ ta' 17-il sena, qalet li mix-xhieda tal-Ispettur ħareġ li kien inħareġ mandat u fil-ħin tal-arrest kien fil-pussess tal-Ispettur, li kien f'bini differenti.

Qalet li ma ratx ksur tal-liġi u nnutat li l-Ispettur tal-Prosekuzzjoni qalet li ma kinitx f'pożizzjoni li tikkonferma li l-akkużat kien ingħata kopja tal-arrest tiegħu.

# Ma jinstabx ħati ta' qtil volontarju ta' sieħbu b'daqqa ta' sikkina

**Ray Abdilla**

Mhux ħati unanimament kien il-verdett tal-ġurati fil-konfront ta' Niġerjan ta' 39 sena li kien qed jiġi akkużat f'ġuri li nstema' quddiem l-Imħallef Consuelo Scerri Herrera bil-qtil ta' sieħbu. L-akkużat u l-vittma kienu ħbieb.

Il-qtil ta' Niġerjan kien seħħ nhar il-Ħadd 15 ta' Marzu 2020 fuq argument trivjali. Kien hemm nuqqas ta' qbil dwar x'għandhom jixtru u jsajru fl-appartament tagħhom u dan skala bil-vittma jaqla' daqqa ta' sikkina waħda u spiċċa biex tilef ħajtu.

Il-ġurati emmnu t-teżi tad-Difiża li dan kien każ ċar ta' *self defence*. L-Avukat Joseph Mifsud ikkonvinċa lill-ġurati dwar dak li ġara, fejn l-akkużat sofra minn ġrieħi u li ma setax jagħmel mod ieħor. Meta xehed waqt il-ġuri Okolo Innocent Okwudili residenti l-Qawra, u li xogħlu huwa li jpoġġi l-madum, qal li kien imsawwat minn sieħbu sal-punt tal-mewt.

L-Avukat Maria Francesca Spiteri mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma qablitx ma' din it-teżi u qalgħet li Okwudilli sofra biss minn ġrieħi ħfief f'xuftejh. Qalet li din kienet l-ewwel darba li l-akkużat ta l-verżjoni tiegħu. Xi ħaġa li l-Avukat Mifsud irribatta għaliha billi qal li l-klijent tiegħu seta' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għax ma kellu xejn x'jaħbi, tela' fuq il-peda tax-xhieda.

Spiteri qalet ukoll li jekk persuna taġixxi fis-saħna tad-demm, ma kinitx se tibqa' daqstant kalma, qisu xejn mhu xejn. Sa minn mindu tressaq huwa wieġeb mhux ħati li qatel lil Amoubi Joseph Ezechi ta' 37 sena, ftit wara nofs il-lejl.

Ironikament ftit tal-ħin qabel ma seħħ il-qtil, il-mara tal-vittma welldet tarbija fin-Niġerja. Hija kienet ppruvat tagħmel kuntatt ma' żewġha ftit wara li welldet iżda hu kien diġa' miet l-isptar Mater Dei.

L-akkużat u l-vittma kienu ħbieb u kienu jgħixu fl-istess appartament, fejn Ezechi ġie Malta mill-Italja biex isib xogħol biex għalhekk huwa jkun jista' jibgħat il-flus lil martu, xi ħaġa li diġà' kien beda jagħmel.

Okwudili għandu karta tal-identità u permess ta' residenza Taljani u passaport Niġerjan. Hekk kif ġie lliberat, in-Niġerjan beda jibki fl-awla.





Il-leġġenda tgħaqqad ġiżirana mimlija cameos u ktajjen ta' ħoloq u djamanti jew perli ma' Marie-Antoinette.

# Kienet tagħha l-ġiżirana ta' Marie Antoinette?



Fr Norbert Ellul Vincenti
nibit2@gmail.com

Għedna kemm-il darba li l-kliem bħaċ-ċirasa. Din id-darba erġajna, għax wara li konna tħadditna fuq il-ġizirana issa se nitħaddtu fuq ġizirana partikolari. Anzi, partikolari ħafna, għalkemm jien qatt ma rajtha. Kienet il-ġiżirana ta' Marie Antoinette. Mhux għax kienet tagħha, jew għax xi darba libsitha Marie Antoinette jew għax forsi qatt ratha. Mela xiex? Mhux aħjar nibdew il-ġrajja mill-bidu?

## Mill-Awstrija għal Versailles

Marie Antoinette kienet ir-Reġina ta' Franza. Kienet ġiet mill-Awstrija, biex tiżżewweġ lil Luigi XVI, meta kien għadu Prinċep. Kienet ħalja ħafna u nefqet ħafna flus ankè meta Franza kellha diffikultajiet ekonomiċi kbar. Basta ngħidu li riedet tgħix f'ċerta partijiet tal-ġonna tal-Palazz ta' Versailles, qisha ta' bidwija flimkien ma' xi korteġġjani tagħha, tilgħab b'xi mogħoż, tiġieġ u annimali oħra.

Il-familja ta' Mellerio ġojjellier, kienet ġiet Parigi fi żmien Katerina Medici, bħal ħafna affarijiet sbieħ oħra, mill-Italja. Id-ditta għadha teżisti f'diversi pajjiżi sal-lum. Il-ġojjelli tagħha libsu lir-reġini ta' Spanja u l-Pajjiżi Baxxi u sebbħu wkoll l-għonq twil ta' Josephine ta' Napuljun. Min ma jiftakarx lil Josephine ta' Napuljun?

## Tinfired minn rasha taħt il-giljottina

Il-leġġenda tgħaqqad ġiżirana mimlija *cameos* u ktajjen ta' ħoloq u djamanti jew perli ma' Marie-Antoinette, li suppost xtrat. Wieħed mill-familja ta' Mellerio kien intalab biex jassisti għall-eżekuzzjoni tar-reġina ta' Franza, meta ġiet biex tinfired minn rasha taħt il-giljottina. Iżda fl-arkivji tal-ġojjellier ma jidher xejn dwar bejgħ ta' din il-ġiżirana, u kif għaddiet minn id għall-oħra. U fejn marret.

Leġġendi, rakmu ta' fantasija, u suppożizzjonijiet hemm kemm trid. Tant hemm taħwid, li l-kwistjoni kollha tissejjaħ il-misteru tal-ġiżirana ta' Marie Antoinette, misteru li għadu ma nħallx sal-lum

Leġġendi, rakmu ta' fantasija, u suppożizzjonijiet hemm kemm trid. Tant hemm taħwid, li l-kwistjoni kollha tissejjaħ il-misteru tal-ġiżirana ta' Marie Antoinette, misteru li għadu ma nħallx sal-lum: il-misteri, ssir kemm issir taf dwarhom, qatt ma jitfaċċaw ċari minn wara d-duħħan tal-suġġestjoni tagħhom. Dejjem issir taf izjed minn xi riċerki, imma dejjem jibqa' dak id-daqsxejn ta' dubju. U forsi mhux daqsxejn imma ħafna.

## Madame du Barry

Mela l-istorja aktar imdawla tgħid li Mellerio ntalab jagħmel ġizirana fantastika minn Lwiġi XV għall-korteġġjana maħbuba tiegħu Madame du Barry. Billi l-ġojjellier dam xi snin jaħdem fuqha, laħaq miet ir-Re u laħaq minfloku Lwiġi XVI warajh, jiġifieri r-raġel ta' Marie Antoinette.

Dan ma riedx jonfoq iżjed flus, u Marie Antoinette ma riditx ġiżirana li kellha x-xamma ta' mara bħal Madame du Barry. Il-fatt huwa li ħadd ma riedha u kienet ġiet tqum ħafna, ħafna flus. Il-ġojjellier tagħtu rasu.

## Kardinal de Rohan vittma

Billi ma nstab ebda xerrej, daħal pjan, li fih kien vittma l-Kardinal de Rohan, Ambaxxatur siewi ta' Franza li kellu xewqa kbira li jirrikonċilja ruħu ma' Marie Antoinette, li kien offendieha fl-imgħoddi. Bi ftehim ma' waħda mara laqqgħuh ma waħda fid-dlam fi ġnien, li ħasibha Marie Antoinette, u qaltlu kemm tirrispettah, u kemm xtaqet dik il-ġiżirana. Xi ħaġa hekk.

Saħansitra waslet għand il-Kardinal ittra taparsi mingħand ir-reġina, titolbu jixtrilha diskretament il-ġiżirana, biex ma tidhirx quddiem in-nies li xtratha hi. Il-povru ħmar ta' Kardinal, ħa pjaċir li r-reġina qed tafdah, kif ħaseb hu, u mar jixtri l-ġiżirana għaliha.

## Flus m'hemmx

Il-flus ma waslu qatt, u meta l-ġojjellier insista, kulħadd stqarr li ma kien jaf b'xejn. Il-Kardinal ġie arrestat. Fil-Qorti, l-Kardinal ġie meħlus u t-tort intefa' fuq il-mara li qarqet bil-Kardinal. Għalkemm il-poplu xorta baqa' jara fir-Reġina eżempju ieħor ta' ħela meta kulħadd kien qed imut bil-ġuħ. L-imġieba tar-Reġina, vera jew mhux vera, kienet waħda mir-raġunijiet tar-Rivoluzzjoni Franċiża.

Skont informazzjoni li sibt, f'Novembru ta' xi tliet snin ilu, kellha tiġi offerta għall-bejgħ kollezzjoni ta' 5 miljun dollar, minn Sotheby's f'Ginevra. F'din il-kollezzjoni kien hemm il-ġojjelli ta' Marie Antoinette, li kienu nħarġu minn Franza fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża.

Il-ġiżirana famuża, jgħidu li kienet marret Londra, u hemmhekk iżżarmat f'biċċiet u nbiegħet, minn dawk stess li kienu qarrqu bil-Kardinal u bir-Reġina. Storja mħawwda imma fonti ta' sthajjil.

# Din mhix il-veru soċjetà Maltija

Dan l-aħħar kellna l-każ li ġie rrappurtat mill-midja kollha ta' Malta tal-persuna, li wħud kienu qed iħeġġuh biex itemm ħajtu. Dan l-att flimkien ma' atti oħrajn li l-midja kollha wkoll irrappurtat fi ftit ta' żmien ilu, bħall-każ tal-ħaddiem barrani li allegatament tħalla minn xi ħadd f'nofs ta' triq meta kien imweġġa', huma atti mill-iktar li wieħed jistmerr u jiddeplora. Atti li qegħdin juru, flimkien ma' oħrajn li ma jsibux l-istess prominenza fil-midja lokali, kif hawn lat ieħor tas-soċjetà tagħna li huwa wieħed ikrah u iswed.

### L-aqwa li moqdi jiena

Dawn l-aħħar snin sfortunatament smajniha naqra mhux ħażin tingħad din is-sentenza: U jiena x'impurtani mhux l-aqwa li jiena qiegħed tajjeb! Ħaddieħor jagħmel hu biċċa tiegħu!... Sentenza egoista, li tirrifletti sentiment li sfortunatament qed jikber u jiżdied fis-soċjetà tagħna, dak li sakemm jiena qiegħed tajjeb m'għandi l-ebda interess fil-proxxmu, kultant lanqas mill-qraba.

U din ġiet mir-regħba li qed tikber fost in-nies, kif se nagħmel iktar profitt u kultant b'detriment għal ħaddieħor, għall-kilba għall-flus imma wkoll għax-xewqa li jkolli l-aqwa u l-aħjar, b'ħajja komda u mimlija lussu. Soċjetà bla ruħ.

### Fl-istess ħin jiżdiedu l-emarġinati

Intant qed jiżdiedu dawk li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna, dawk li qed jispiċċaw fil-linja tal-faqar, dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom, dawk li bilkemm jaslu sal-aħħar tax-xahar, dawk li jbatu minn mard serju jew terminali, dawk li jbatu fis-silenzju, dawk li għandhom bżonn għajnuna minħabba diffikultajiet ta' saħħa mentali, dawk li jħossuhom emarġinati, diskriminati jew mhedda.

Kif nistgħu ninsew lil dawn ħutna, kif nistgħu nuru imħabba lejn il-proxxmu jekk il-mentalità tagħna hija li l-aqwa li moqdi jiena. Dan żgur li mhux valur Nisrani u wisq inqas valur ta' ebda reliġjon oħra dinjija. Dak li nonqsu lejn ħaddieħor, xi darba jew oħra se tirrifletti fuqna. Għaliex aħna lkoll katina waħda fl-umanità, li llum inti imma għada jaf inkun jiena.

U quddiem dan kollu allura huwa ferm importanti li nagħtu l-importanza u l-għodda meħtieġa lil dawk il-persuni, NGOs u għaqdiet li ta' kuljum jagħtu l-għajnuna u l-assistenza tagħhom liż-żgħar, foqra, emarġinati, mwarrba fis-soċjetà tagħna. Għaliex kulħadd għandu xi ħaġa x'joffri lilna lkoll, żgħira jew kbira imma li tagħti kontribut kbir biex intejjbu mhux biss il-kwalità tal-ħajja ta' xulxin imma wkoll l-umanità tagħna.

### Il-Maltin veri għandhom qalbhom kbira

Dawn l-episodji ta' dieqa huma koroh, din iżda mhix il-veru soċjetà Maltija u Għawdxija, mhux il-veru Maltin u Għawdxin, għaliex aħna poplu ta' qalb kbira. Urejnih bosta drabi, mhux l-inqas dan l-aħħar waqt il-pandemija tal-COVID-19, is-solidarjetà, r-rispett lejn il-proxxmu u l-għajnuna li rajna kif se nagħtuha lil xulxin. Għalhekk jeħtieġ li nibqgħu nippreservaw dawn il-valuri li jiddistingwuna minn popli oħra u li finalment isawwruna bħala Maltin.

Irridu naraw li dik il-mixgħela tal-kompassjoni u tal-imħabba lejn xulxin ma nitilfuhiex għaliex tikber ir-regħba, l-firda u l-biża' minflok irridu naraw li nkunu ta' spalla għal xulxin, għaliex l-ebda bniedem ma jista' jgħix waħdu fid-dinja u l-għaqda tagħmel is-saħħa. F'soċjetà fejn kull wieħed u waħda minnha għandu valur... u fejn ħadd m'għandu jħossu emarġinat jew eskluż imma parti sħiħa u parteċipi tas-soċjetà.

# Il-COVID u l-MIA




Dan l-aħħar kelli bżonn insiefer darbtejn f'dati mhux bogħod minn xulxin u innutajt fl-ajruport ċerti affarijiet li xtaqt naqsamhom mal-qarrejja.

Fl-ewwel safra kelli impressjoni tassew tajba fil-mod kif l-ajruport tagħna qed jittratta l-miżuri tal-COVID. Persuni attenti għall-vjaġġaturi li kellhom biss *hand-luggage* biex ma jħalluhomx joqogħdu fil-kju għaċ-*check-in* li tkun diġà saret mid-dar. Jiċċekkjawlhom iċ-ċertifikat tal-vaċċin, il-*location form*, passaport jew ID Card u *boarding pass* u joħorġu f'ħakka t'għajn karta ċkejkna li biha tibqa' tiela' fuq mingħajr dewmien żejjed u fuq kollox mingħajr rassa ma' nies. Sistema eċċellenti.

Sfortunatament dawn il-persuni tant utli fl-MIA ma sibthomx fit-tieni vjaġġ tiegħi u għamilna kważi tliet kwarti fil-kju taċ-*check-in* u rrid ngħid li ċerti nies inutli timmarkalhom mal-art biex iżommu d-distanza għax donnhom jaħsbu li jekk ma jkunux imħaxkna ma' ta' quddiemhom se jkollhom iktar ħin ta' stennija! Addio prudenza u prekawzjoni.

Meta wasalna lura Malta kien hemm ħerġin passiġġieri ta' żewġ ajruplani differenti u s-sitwazzjoni kienet waħda ta' konfużjoni u nista' ngħid ukoll rassa, għax ħafna ma kinux jafu li għandhom bżonn *location form* oħra (ma nafx x'użu għandha din wara kollox!) u kellhom joqogħdu jimlew il-formoli hemm stess u mbagħad jerġgħu jmorru fi kju biex jiċċekkjawlhom iċ-ċertifikat tal-vaċċin u d-dokument ta' identifikazzjoni.

Naħseb li jekk inkunu ftit inqas riġidi u ftit iktar prattiċi nistgħu nnaqqsu mill-inkonvenjent tan-nies u fuq kollox innaqqsu mir-riskju ta' kuntatt fiżiku man-nies.

**Maria Carmela**
Ħ'Attard

*L-ittri għal din il-paġna għandhom jintbagħtu fl-indirizz elettroniku joe.cassar@netmedia.com.mt jew fl-indirizz ta' Media Link Communications li jidher aktar 'l isfel fil-paġna.*

# 25 sena ilu f'In-Nazzjon


IN-NAZZJON

Diffikultajiet kbar biex jifhmu lill-Gvern Malti

Il-PN se jibqa' dejjem il-partit tal-Prinċipji

KUNSILL ĠENERALI

Elezzjoni Viċi-Kap tal-Partit

Diskussjoni Riżultat Elezzjoni '96

EDDIE FENECH ADAMI

Il-Prim Ministru tal-Lussemburgu Jean-Claude Juncker kien fisser li kien jeħtieġ li l-Gvern Laburista jkun ċar dwar l-Unjoni Ewropea u li din kienet ta' importanza kbira għar-relazzjonijiet futuri bejn Malta u l-Unjoni Ewropea.

Juncker kien appella wkoll biex kull pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea jkun infurmat bil-miktub mill-Gvern Laburista dwar il-pożizzjoni tiegħu. Juncker kien tenna wkoll li l-Ewropej għandhom diffikultajiet kbar biex jifhmu lill-Gvern il-ġdid Laburista Malti.

Hu qal ukoll li kellu telefonata mal-Prim Ministru Alfred Sant fejn kien qallu biex dawn l-intenzjonijiet tal-Gvern Laburista jkunu ċari sew għall-Unjoni Ewropea, u x'kien beħsiebu li jagħmel għar-relazzjonijiet mal-istess Unjoni.

Editur: **Joe Cassar** • joe.cassar@netmedia.com.mt Tel. 25965340
Media.Link Communications Co. Ltd • 2, Triq Herbert Ganado, Tal-Pietà PTA 1450 P.O. Box 37, il-Ħamrun ĦMR 1000
Kamra tal-Aħbarijiet: news@netmedia.com.mt, Tel: 21243641 • Dipartiment tal-Avviżi: adverts@netmedia.com.mt, Tel: 25965-317/318
net il-mument In-Nazzjon pin informa net news.com.mt

# Shell se tmexxi l-kwartieri għar-Renju Unit

Il-kumpanija Royal Dutch Shell ħabbret li se tmexxi l-kwartieri ġenerali tagħha lejn ir-Renju Unit bħala parti mill-proposti tagħha biex tissimplifika l-istruttura tal-kumpanija.

Il-ġgant taż-żejt se jitlob lill-azzjonisti jivvutaw fuq bidla fir-residenza fiskali mill-Olanda għar-Renju Unit. Dan qed isir biex titneħħa l-istruttura kumplikata fejn il-kumpanija għandha żewġ settijiet ta' ishma fiż-żewġ pajjiżi, li twassal għal dewmien fil-ħlasijiet lill-azzjonisti.

Dan wassal għal reazzjonijiet differenti mill-Gvernijiet rispettivi, fil-Ministru tal-Enerġija tar-Renju Unit Kwasi Kwarteng jiddeskrivi d-deċiżjoni bħala vot ċar ta' fiduċja fl-ekonomija Ingliża, filwaqt li l-Gvern Olandiż qal li kien sorpriż u diżappuntat bil-proposta.

Skont il-Financial Times, il-Gvern Olandiż qed jipprova jsib maġġoranza Parlamentari li tivvota għat-tneħħija tat-taxxa ta' 15% fuq l-imgħaxijiet, desrkitta bħala l-problema ewlenija minn Shell. Fil-proposta, Shell qed tipproponi li tneħħi l-kliem "Royal Dutch" minn isimha, mossa li waslet biex The Hague tesprimi d-dubji fuq kemm il-kumpanija se tibqa' tirrifletti l-għeruq Olandiżi tagħha.

Fi stqarrija l-kumpanija qalet li Shell hija kburija bil-wirt Anglo-Olandiż tagħha u se tibqa' preżenti fil-pajjiż, b'mod partikolari b'negozji marbuta mal-gass u enerġija li tiġġedded.

Id-deċiżjoni li tissimplifika l-istruttura tagħha ttieħdet wara li l-kumpanija Third Point, investitur attiv Amerikan, xtrat sehem fil-kumpanija u ssuġġeriet li Shell għandha tinqasam f'żewġ kumpaniji.






# L-OECD tappella lil Franza biex trażżan in-nefqa

Franza għandha tintroduċi regola li tillimita n-nefqa finanzjarja tagħha biex treġġa' lura l-finanzi pubbliċi taħt kontroll, skont l-OECD. L-irkupru tat-tieni l-akbar ekonomija fl-Unjoni Ewropea sejjer aħjar mill-istennijiet hekk kif in-nefqa tal-konsumaturi qed tirpilja bis-saħħa wara s-suċċess tal-kampanja ta' tilqim.

Franza mistennija tirreġistra tkabbir ta' 6.8% din is-sena u 4.2% is-sena d-dieħla, skont rapport dettaljat tal-OECD.

Madankollu, l-miżuri ta' appoġġ tal-Gvern waqt il-kriżi fissru daqqa kbira għall-finanzi pubbliċi, tant li d-dejn laħaq livelli rekord, f'mument fejn Franza qed tipprepara għal investimenti maġġuri biex tiddekarbonizza l-ekonomija.

In-nefqa pubblika ta' Franza hija waħda mill-akbar fid-dinja, b'medja ta' 60% tal-prodott gross domestiku, u għaldaqstant l-OECD qalet li l-pajjiż għandu jintroduċi regola dwar l-infiq bl-għan li jkun hemm pjan strutturat ta' kif se jitnaqqas id-deficit b'mod sostenibbli. Regola bħal din għenet pajjiżi oħra bħall-Iżvezja jrażżnu n-nefqa tagħhom.

L-OECD issuġġeriet ukoll li Franza żżid it-taxxi fuq min iħammeġ l-aktar, speċjalment b'konsiderazzjoni li Franza qed taqa' lura fil-miri tagħha marbuta mat-tnaqqis ta' emissjonijiet. L-OECD irrimarkat ukoll li s-sistema Franċiża tal-pensjonijiet kienet kumplikata u mhux sostenibbli, anke fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjieħ.

Il-Gvern Franċiż kien qed jiddiskuti riformi importanti f'dan is-settur iżda l-President Macron ippospona d-deċiżjonijiet hekk kif elezzjoni Presidenzjali tinsab dejjem aktar fil-qrib.

# Il-Gvern Irlandiż inaqqas l-ishma tiegħu fil-Bank of Ireland

Il-Gvern Irlandiż naqqas il-kontroll tiegħu fil-Bank of Ireland għal 8.99% wara li biegħ aktar ishma fl-istess Bank. Skont dikjarazzjoni fuq il-Borża, l-Istat naqqas l-ishma tiegħu fil-Bank minn 9.95% għal 8.99%.

F'Ġunju li għadda, l-Gvern kien ħabbar li kien se jbiegħ it-13.9% f'ishma li kien għad fadallu matul is-sitt xhur li ġejjin, wara li kien ilu ma jbiegħ ishma fil-Bank sa mill-2017.

B'kollox, waqt il-kriżi bankarja tal-2009, l-Istat Irlandiż kien poġġa mal-€4.7 biljun fil-Bank of Ireland, fil-parti l-kbira permezz ta' investiment mill-Fond tal-Pensjonijiet. B'mod regolari, il-Bank of Ireland beda jħallas lura dawn il-flus lill-Istat, fejn s'issa tħallsu b'kollox madwar sitt biljun ewro, bil-bank ikun l-unika wieħed fl-Irlanda li ħallas lura lill-Istat, u kull min iħallas it-taxxi, għall-għajnuna li ngħata wara l-kriżi.

Sa Mejju tas-sena li għaddiet, il-Gvern Irlandiż kien iġġenera ritorn pożittiv ta' mill-inqas €1.2 biljun minn dan l-investiment. B'dan il-pass, il-Gvern Irlandiż mistenni jirtira kompletament mill-Bank of Ireland sal-bidu tas-sena d-dieħla, biex dan isir l-ewwel wieħed li rritorna kompletament għal proprjetà kompletament privata.




Din il-paġna hi mwassla minn www.ciconsulta.com

www.ciconsulta.com
CiConsulta BeInformedpro
Insights | Analysis | Content

# Kif tista' tevita li tkun vittma ta' xi scam meta tixtri onlajn

Ix-xiri onlajn iġib miegħu diversi vantaġġi għall-konsumatur, dawn jinkludu konvenjenza, iffrankar ta' ħin, informazzjoni aħjar u prezzijiet kompetittivi. Madankollu, bħala konsumaturi għandna nkunu konxji li jeżistu riskji marbuta max-xiri onlajn, bħal *scams* u frodi. *Scams* jistgħu jiġu f'diversi forom fejn l-għan aħħari tagħhom huwa li jiksbu l-flus tal-konsumaturi u mhux li jipprovdu servizz.

Hawn ukoll *scams* li jkunu mmirati sabiex jakwistaw l-informazzjoni personali jew bankarja tal-individwu sabiex eventwalment iwettqu tranżazzjonijiet mhux awtorizzati.

L-ewwel tip ta' *scams* kienu fil-forma ta' posta elettronika fejn kienu jinfurmaw lir-riċevituri li rebħu somma kbira ta' flus u jitolbu d-dettalji tal-kont bankarju tagħhom biex jittrasferixxulhom il-flus. Ankè jekk ħafna nies huma konxji li sabiex tirbaħ xi ħaġa jeħtieġ li tkun ipparteċipajt f'xi forma ta' lotterija, xi nies xorta waqgħu vittmi ta' dawn it-tip ta' frodi. Bl-avvanzi fil-komunikazzjoni diġitali, dawn il-frodisti saru aktar sofistikati u kreattivi dwar kif jagħmlu kuntatt man-nies biex jakkwistaw l-informazzjoni tagħhom jew jisirqulhom il-flus.

Wieħed jista' jisfa' vittma ta' frodi ankè waqt li jkunu qed ifittxu onlajn. Sfortunatament, jekk ma jittieħdux il-prekawzjonijiet neċessarji, l-konsumaturi jistgħu jew jirċievu prodotti ta' kwalità inferjuri jew kompletament differenti minn dawk li ordnaw, saħansitra f'ċerti ċirkustanzi l-konsumatur jista' ankè jispiċċa b'idejh vojta. F'ħafna minn dawn il-każijiet il-konsumatur jirrealizza li meta jipprova jagħmel kuntatt mal-bejjiegħ, il-websajt jew ma tkunx għadha teżisti jew li l-informazzjoni provduta ma tkunx korretta.

Biex tnaqqas ir-riskji li ssir vittma ta' *scam*, nirrakomandaw li issegwi dawn il-prekawzjonijiet:



L-ewwel tip ta' scams kienu fil-forma ta' posta elettronika.

### Oqgħod attent għall-URL

Websajts affidabbli għandhom l-indirizz tagħhom li jibda b'HTTPS:// minnflok HTTP://. L-ittra 's' filfatt tirrappreżenta l-kelma sigur. Wieħed għandu wkoll ifittex is-simbolu tal-katnazz żgħir u jagħfas fuqu biex jiċċekkja d-dettalji tas-sigurtà. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-kompjuter huwa protett kontra *viruses* u *spyware*. Jekk websajt tuża HTTP:// biss, din mhix indikazzjoni ċara li l-websajt hija *scam*. Jekk mhux ċert mis-sit iddaħħalx informazzjoni personali speċjalment dik finanzjarja.

> Bl-avvanzi fil-komunikazzjoni diġitali, dawn il-frodisti saru aktar sofistikati u kreattivi dwar kif jagħmlu kuntatt man-nies biex jakkwistaw l-informazzjoni tagħhom jew jisirqulhom il-flus

### Iċċekkja l-URL fid-dettal

Qabel ma tagħti informazzjoni personali tiegħek bħan-numru tal-karta ta' kreditu tiegħek, ifli sew il-URL minħabba li dawn it-tip ta' siti frawdolenti jużaw URL li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru identiċi għal dawk ta' siti awtentiċi. L-unika differenza tkun xi marka ortografika, bit-tama li l-konusumatur ma jindunax jew jittajpja l-URL ħażin.

### Agħmel ir-riċerka tiegħek

Qatt m'għandek tiġġudika kumpanija mid-dehra tal-websajt. Qabel ma tixtri, speċjalment jekk tkun l-ewwel darba u għandek dubju, dejjem iċċekkja kemm ilha teżisti l-websajt. Wieħed għandu joqgħod iktar attent minn websajts li għadhom kif twaqqfu.

> *Scams* jistgħu jiġu f'diversi forom fejn l-għan aħħari tagħhom huwa li jiksbu l-flus tal-konsumaturi u mhux li jipprovdu servizz

Huwa rrakkomandat li wieħed jfittex u jaqra kummenti mitkuba minn konsumaturi oħra li jkunu diġa' akkwistaw xi oġġetti mingħand in-negozjant biex tara jekk għandekx tafda jew le lin-negozjant ikkonċernat.

### Oqgħod attent għal grammatika u ortografija fqira

Ifli sew l-informazzjoni li hemm fuq il-websajt. Jekk hemm eċċess ta' żbalji grammatikali, dan huwa indikattiv li l-informazzjoni fil-websajt ġiet ittraduċuta minn sit. Kumpaniji serji jagħmlu sforz biex jippreżentaw websajt professjonali li tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa bl-inqas żbalji possibbli.

Kun af ma' min qed tittratta

Sit sigur normalment ikollu l-informazzjoni dettaljata dwar in-negozjant, speċifikament l-indirizz ġeografiku tal-kumpanija, l-indirizz tal-posta elettronika, n-numru tat-telefon u d-data meta l-kumpanija ġiet irreġistrata flimkien man-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija. Wieħed għandu joqgħod attent minn siti li jipprovdu informazzjoni limitata.

### Rifużjonijiet u ritorni

Huwa importanti li meta tkun qed tixtri onlajn tiċċekja li s-sit għandha l-informazzjoni kollha neċessarja f'każ li jkollok bżonn tagħmel kuntatt man-negozjant wara li tkun irċevejt il-prodott flimkien ma' link għall-pjattaforma tal-ODR.

L-għan wara din il-pjattaforma huwa li tiffaċilita' s-soluzzjoni barra mill-qrati li b'mod indipendenti, imparzjali, trasparenti, effettiv, veloċi u ġust għat-tilwim bejn il-konsumaturi u n-negozjanti onlajn. Barraminnhekk, il-kummerċjant għandu jinforma wkoll lill-konsumaturi dwar id-dritt ta' rtirar, li matulu l-konsumatur jista' jikkanċella l-ordni mingħajr ma jeħel l-ebda spejjeż.

### Uża biss mezzi ta' ħlas siguri

Qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali li tixtri l-oġġett, ftakar li kwalunkwè ħlas għandu jsir permezz ta' mezzi siguri bħal karta ta' kreditu jew PayPal. Sakemm ma tkunx taf sew in-negozjant, evita li tibgħat ħlasijiet permezz ta' trasferimenti bankarji.



**Dr Roderick Aquilina**
Kordinatur taċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumatur ta' Malta

Id-dettalji tal-karta ta' kreditu m'għandhom qatt, fl-ebda ċirkostanza, jintbagħtu bl-email. Qabel tixtri l-prodott, iċċekja t-termini u l-kundizzjonijiet, li normalment jinkitbu b'tipa iżgħar.

### Il-prezz huwa tajjeb wisq!

Jista' jkun hemm tabilħaqq ħwienet li joffru skontijiet kbar. Dawn l-iskontijiet jistgħu jkunu minħabba li huwa l-aħħar oġġett, stokk antik, jew negozjant jkunu qed jagħlaq l-bibien tiegħu.

Madankollu, wieħed għandu joqgħod ferm iktar attent għal dawk is-siti li jippromwovu roħs konsiderevoli, xi kultant ankè jlaħħaq id-90%, fuq prodotti li jkunu għadhom kif ġew rilaxxati fis-suq. Oqgħod 'l bogħod minn dawn il-websajts, peress li ċ-ċansijiet huma li tispiċċa mingħajr il-prodott mixtri u l-flus li tkun ħallast.

# Covid-19: Rabja u protesti kbar dwar ir-restrizzjonijiet madwar l-Ewropa



**L-Olanda:** Dimostranti f'Rotterdam iqabbdu n-nirien bħala messaġġ rabbjuż dwar il-miżuri tal-lockdown f'pajjiżhom (Ritratt: EPA)

L-Olanda, fl-aħħar sigħat, għaddiet minn mewġa ġdida ta' protesti fejn iċ-ċittadini esprimew rabja sostanzjali dwar il-miżuri ta' lockdown ġodda li qed isiru effettivi madwar il-pajjiż. Dan ukoll meta qed tispikka dejjem aktar l-ispinta ġdida ta' ta' infezzjonijiet tal-Covid-19 fl-Olanda u fl-Istati l-oħra tal-Ewropa.

L-awtoritajiet Olandiżi qed isegwu b'ansjetà din is-sitwazzjoni wara li gruppi ta' nies, f'The Hague, tefgħu logħob tan-nar fid-direzzjoni tal-pulizija. L-awtoritajiet, fl-aħħar sigħat, ħabbru stat ta' emerġenza f'din il-belt fost rapporti li saru wkoll numru ta' arresti.

Aktar qabel, kien hemm ukoll protesti ħorox kontra r-restrizzjonijiet fil-belt Olandiża ta' Rotterdam – fejn il-pulizija kienu kostretti li jiftħu n-nar biex iferrxu l-folol. Is-sindku tal-belt ikkundanna l-vjolenza' wara li numru ta' dimostranti spiċċaw midruba minn tiri u meta fl-aħħar sigħat kienet għaddejja wkoll investigazzjoni.

L-Olanda, il-ġimgħa l-oħra, imponiet lockdown parzjali wara li rreġistrat rekord fil-każi tal-Covid – bil-ħwienet tax-xorb u r-ristoranti lokali qed jagħlqu kmieni filgħaxija filwaqt li l-folol qed ikunu projbiti milli jattendu avvenimenti sportivi.

Intant, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) esprimiet tħassib serju dwar 'l-isplużjoni' tal-każi tal-coronavirus madwar l-Ewropa.

Id-Direttur Reġjonali tal-Organizzazzjoni (WHO) għall-Ewropa, Hans Kluge, wissa, sadanittant, li nistgħu naraw man-nofs-miljun mewta ġdida madwar il-kontinent sar-rebbiegħa, dment li l-awtoritajiet fl-Ewropa ma jieħdux il-passi preventivi neċessarji.

Minn naħa l-oħra, fl-Awtrija, għexieren ta' eluf ħarġu jipprotestaw kontra r-restrizzjonijiet fi Vienna wara li l-Gvern ħabbar lockdown ġdid nazzjonali – flimkien ma' pjani biex iċ-ċittadini kollha jieħdu bil-fors it-tilqima fi Frar li ġej.

L-Awstrija hi l-ewwel pajjiż Ewropew li qed jimponi bil-liġi t-tilqim kontra l-Covid. Dan filwaqt li millum, fl-Awstrija, għandu jibda l-lockdown nazzjonali ta' 20 jum fejn il-ħwienet meqjusa bħala essenzjali ma jistgħux jiftħu u meta l-poplu se jkun kostrett li jaħdem mid-dar.

Intant fl-aħħar sigħat, il-Kraozja wkoll rat numru ta' dimostrazzjonijiet kbar kontra l-miżuri tal-Covid, fejn eluf immarċjaw fil-kapitali Zagreb.

Saru wkoll il-protesti notevoli fl-Italja, fejn ftit eluf ta' dimostranti nġabru fiċ-ċentru ta' Ruma biex iwasslu l-messaġġ tagħhom kontra -'Green Pass' meħtieġ għal fuq il-postijiet tax-xogħol u għall-użu tat-trasport pubbliku.

# Ġerusalemm: Aggressur jinqatel wara li fetaħ in-nar fuq in-nies



Il-katavru tal-aggressur jinġarr mis-sit tal-attakk fil-periferija tal-moskea Al Aqsa ( Ritratt: EPA)

Aggressur – membru ta' grupp ta' militanti Palestinjani – fetaħ in-nar fuq in-nies li nzerta quddiemu fil-Belt Antika ta' Ġerusalemm, u bir-riżultat li persuna tilfet ħajjitha, b'talanqas tlieta oħra jisfaw midruba. Intant, ir-raġel armat ukoll spiċċa maqtul ftit wara li konfrontawh il-qawwiet tas-sigurtà Iżraeljani.

Ir-rapporti qalu li l-vittma tal-aggressur miet l-isptar mill-ġrieħi li ġarrab u li kien hemm żewġ pulizija Iżraeljani fost il-midruba.Min-naħa tiegħu, il-Ministru Iżraeljan responsabbli mis-Sigurtà Interna, Omer Bar-Lev, ikkonferma li l-aggressur kien armat b'submachine gun u li l-attakk seħħ viċin ta' aċċess għall-moskea Al Aqsa, f'Ġerusalemm.

Minbarra l-moskea (li hi fost l-aktar siti meqjuma mill-Iżlamiċi), il-lokalità tinkludi anki t-Tempju fuq l-Għolja li hu fost l-aktar monumenti sinifikanti għal-Lhud.

Tard il-bieraħ, l-aggressur kien identifikat bħala Palestinjan ta' 42 sena minn Ġerusalemm tal-Lvant, fost sinjali li hu kien membru tal-fergħa politika tal-grupp militanti Hamas.

L-awtoritajiet Iżraeljani qalu, intant, li l-isparatura qed tidher li kienet waħda premeditata u li l-aggressur, dak il-ħin, kien ipprova jippreżenta ruħu bħala 'Lhudi Ortodoss'.

Kienet biss b'xorti tajba li l-lokalità, fil-ħin tal-attakk, kienet pjuttost vojta min-nifs — bl-awtoritajiet Iżraeljani jaqblu li ċ-ċifra tal-vittmi setgħet kienet bil-wisq ogħla taħt ċirkustanzi differenti.

# Iċ-Ċile: Il-poplu jivvota fost id-diżgwid



Il-poplu Ċilen, fl-aħħar sigħat, kien qed jivvota fl-elezzjoni ġenerali fejn irid jagħżel bejn viżjonijiet politiċi għal kollox differenti minn xulxin. Dan ukoll meta l-pajjiż qed jiffaċċja inċertezza sostanzjali wara li ilu mill-2019 għaddej mill-protesti vjolenti kontra l-Gvern.

F'din l-elezzjoni, il-kandidati ewlenin jirriflettu t-tensjoni soċjali u l-polarizzazzjoni politika li rabbew l-għeruq fiċ-Ċile.

Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni fiċ-Ċile ikkumplikat ruħha minħabba l-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija tal-Covid-19. Intant, skont l-aħħar sinjali, il-kandidat estremista tal-lemin, José Antonio Kast *(ritratt)*, kellu vantaġġ żgħir fuq l-eqreb sfidant – f'dan il-każ il-kandidat xellugi Gabriel Boric.

Peress li hemm seba' kandidati qed jikkuntestaw għall-Presidenza taċ-Ċile, mhux probabbli li xi ħadd minnhom se jirnexxilu jikseb il-50 fil-mija tal-voti neċessarji għal rebħa awtomatika.

Għaldaqstant, kibret il-probabbiltà li l-elezzjoni tkun deċiża minn tieni rawnd li kapaċi jsir fid-19 ta' Diċembru. Minbarra l-elezzjoni għall-Presidenza, iċ-Ċileni anki kienu qed jivvutaw għall-Kamra tad-Deputati l-ġdida magħmulha minn 155 membru, kif ukoll għal 27 membru tas-Senat ta' Santiago u għall-kunsillieri reġjonali.



# Id-Dubai Airshow 2021

Numru ta' pajjiżi kienu rappreżentati mill-iskwadri tal-ajruplani li jispeċjalizzaw fl-'aerobatics' – jew il-manuvri spettakolari waqt it-titjiriet koordinati – bħala parti mid-Dubai Airshow 2021 li kkonkluda ftit tal-jiem ilu. L-Airshow kien organizzat fid-Dubai World Central – jew l-ajruport internazzjonali ta' Al Maktoum – f'Jebel Ali. Waqt id-dimostrazzjonijiet kienu esebiti numru ta' ajruplani militari tal-'ħames ġenerazzjoni' waqt li spikkaw il-fly-overs mid-diversi skwadri tal-ajruplani għall-manuvri, inklużi l-iskwadra Al Fursan, tal-Emirati Għarab, flimkien mal-iskwadra 'Russian Knights' tar-Russja.Intant, id-Dubai Airshow jibqa' l-akbar avveniment marbut mas-settur tal-avjazzjoni fil-Lvant Nofsani minbarra li sar ukoll wieħed mill-akbar airshows fid-dinja mindu kien introdott għall-ewwel darba fl-1986. (Ritratti: EPA)







## TISLIBA



**Nota:** Minkejja li 'għ' u 'ie' huma kkunsidrati ittra waħda, għall-fini ta' din it-tisliba dawn jiġu żewġ kaxxi

**Mimdudin:**
5. Ħmieġ (5)
6. Għaqda trejdunjonistika (5)
7. Ħaġra samma (5)
10. Tiżjin tal-festa (5)
11. Dħul ta' ċnus (5)
12. 'From ...... to Nato', ktieb mill-aqwa ta' David Gress (5)
14. Promozzjoni (5)
16. Mhix bjonda (5)
17. Anki (5)
18. Il-lokalità f'Malta fejn insibu l-Grotta ta' San Pawl (5).

**Weqfin:**
1. Dabbar rasu (6)
2. Xedd jiddawwar mal-għonq (6)
3. Wieħed li jsewwi l-btieti (6)
4. Kapaċitajiet, l-aktar f'xogħlijiet bl-idejn (6)
8. Ixxotta (5)
9. Hekk kien jisimha l-mara Brażiljana ta' Giuseppe Garibaldi (5)
12. Ngħiduha għal min idur ma' kull riħ. M'għandux fehma soda (6)
13. Post fejn il-Griegi kienu jitolbu xi pariri lill-allat (6)
14. Kemm kemm (6)
15. Ħnejja (6).

### Soluzzjoni tat-Tisliba tal-Ġimgħa

**Mimdudin:** 5. Amore; 6. Imlew; 7. Fgura; 10. u 11. Differenti; 12. u 14. Seminarist; 16. Qatra; 17. Ilħna; 18. Serje.

**Weqfin:** 1. Warrad; 2. Fergie; 3. Librar; 4. u 15. Awtoritajiet; 8. Sfuma; 9. Antik; 12. Sfinit; 13. Nħanaq; 14. Arrest.

## net TV

| | |
|---|---|
| 07:00 | Net AM |
| 09:00 | Bidla b'Viżjoni |
| 09:45 | Telebejgħ |
| 12:00 | Net News |
| 12:05 | Quddies |
| 12:30 | Bejnietna |
| 14:00 | Net News |
| 14:05 | (ikompli) Bejnietna |
| 15:00 | Telebejgħ |
| 16:00 | Net News |
| 16:05 | Telebejgħ |
| 16:20 | Missio Tfal |
| 16:30 | #Kikkra Te |
| 18:00 | Net News |
| 18:10 | Net Live |
| 19:30 | Net News |
| 20:30 | Ulied il-Lejl (Tona qed tissuspetta. Mari taf kollox Leli għadu miexi ma' Rużar, l-aħwa qed jirrealizzaw. It-tallab qed jaħbi xi ħaġa. Il-kappillan se jiftaħ skola) |
| 21:35 | Net News |
| 21:40 | Newsroom |
| 22:45 | Net News |

## net FM

| | |
|---|---|
| 05:30 | Rużarju |
| 06:00 | Bonġu Net |
| 07:00 | Net AM |
| 07:58 | Angelus |
| 08:00 | Net AM |
| 08:45 | Club 101 |
| 10:30 | Brunch |
| 11:58 | Angelus |
| 12:00 | Net News |
| 12:10 | L-Avviżi tal-Mejtin |
| 12:20 | Kuntatt – Dione Borg |
| 13:00 | Hitsteria – Charles Saliba |
| 14:30 | On D Road – George Galea |
| 16:00 | Feedback – Dione Borg |
| 18:00 | Net News |
| 18:15 | L-Avviżi tal-Mejtin |
| 18:30 | Ngħiduha Kif Inhi – Indri Attard |
| 20:00 | Replay post-match |
| 20:30 | Rockna (Michael Bugeja se jkollu bħala mistiedna lill-gruppi Checkmate u Lord Adder) |

## Tbassir tat-temp għal-lum

**Temp**: Pjuttost imsaħħab b'ħalbiet tax-xita iżolati.
**Viżibilità:** Tajba lokalment moderat fil-ħalbiet tax-xita.
**Riħ**: Moderat mill-Punent il-Lbiċ li jdur mil-Lbiċ.
**Baħar**: Ħafif li jsir ħafif għal moderat. **Imbatt**: Ftit li xejn.
**L-ogħla temperatura**: 21°C.
**L-inqas temperatura**: 15°C.
**Temperatura tal-baħar**: 22°C.

### Il-ħamest ijiem li ġejjin

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA |
|---|---|---|---|---|
| L-ogħla 21°C | L-ogħla 22°C | L-ogħla 21°C | L-ogħla 23°C | L-ogħla 22°C |
| L-inqas 15°C | L-inqas 13°C | L-inqas 15°C | L-inqas 16°C | L-inqas 16°C |
| UV 3 | UV 3 | UV 3 | UV 3 | UV 3 |

## Avviżi Klassifikati

### PROPJETÀ GĦALL-BEJGĦ

**Il-Mosta.** Dar b'ħamest ikmamar tas-sodda (wħud bl-għamara), erba' kmamar tal-banju, guest toilet, żewġ kċejjen bl-appliances magħhom, forn tal-ħatab, pool, garaxx ta' tliet karozzi kbar. Freehold. Prezz €745,000. Ċempel 99829852.

### GĦALL-BEJGĦ JEW KIRI

**Marsaskala.** Ħanut għall-kiri fi Triq il-Mintba, 60 pied x 20 pied u għandu bitħa wara u terrazzin, kien mini-market u jista' jintuża għal kull business bħal hairdresser, beauty salon, pharmacy u kull tip ta' negozju. Bla rigal. Kera €12 kuljum. Ċemplu 21674228, 99492356 jew 79674228.

### AVVIŻI

**Nfittex propjetà:** Int iwritt xi propjetà? Tixtieq tbigħha? Mela ċempel/ibgħat messaġġ fuq 79002400.

**Tiswijiet fil-pront u fil-post** ta' fridges, freezers, washing machines, tumble dryers u dehumidifiers, eċċ. b'sitt xhur garanzija fuq il-parts u labour. Bl-irħas prezzijiet. Stima b'xejn minn qabel. Spare parts għal kull tip ta' appliances. Ċemplu 21371559, 27371559, 21493285, 79884497 jew 99472570. Servizz fil-pront.

### JINĦTIEĠU

**Helpers** part-time biex jassistu l-anzjani u ħtiġiet oħra, f'ħinijiet differenti matul il-ġurnata mad-Dar il-Ħanin Samaritan, Santa Venera. Min jixtieq aktar informazzjoni jċempel 79444702.

## Tagħrif

### Xi Maltin li twieldu bħal-lum

L-oratur **Fr Bonaventura Chircop OFM** (1746), li miet f'Awwissu 1810; it-tabib imwieled Għawdex **Eugene Fenech** (1786), studja u għex għal xi snin f'Pariġi, fejn anki kien it-tabib privat ta' Napuljun, miet fi Frar 1842; l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna **Michele Tufigno** (1911), li miet fi Frar 1982; l-Imħallef **Fortunato Mizzi** (1917), li miet f'Lulju 1997; l-intraprenditur **Valhmor Borg** (1924), li għal xi snin kien President tal-Federazzjoni tal-Industrja, li miet f'Ottubru 2007; ir-riċerkatur dwar l-istorja marittima ta' Malta **Victor Wickman** (1934) li saħansitra għandu mużew privat mad-dar dwar is-suġġett; il-kantant minn Birkirkara **Carmelo Borg** (1939); il-pijunier fit-tagħlim tal-psikoloġija **Fr Alfred Darmanin SJ** (1940), li miet fi Frar 2020; il-psikologu tal-edukazzjoni **Mark Gerard Borg** (1956); **Lorry Sammut** (1959), li kien referee tal-MFA bejn l-1981 u l-2006; **Fr Nicholas Cachia** (1961), li kien Chairman tal-Media Centre, miet fi Florida, l-Istati Uniti f'Lulju 2021; il-player tat-table-tennis professjonali **Mario Genovese** (1961) li għamilha ta' coach anki barra minn xtutna; il-ġurnalist ta' PBS **Mario Xuereb** (1976), għal xi żmien kien news editor ma' media.link; **Kenneth Calleja** (1977), kompożitur, kantant, waqqaf ir-rock group Fire; il-mudell **Ken Cacciattolo** (1981); **Antonella Pace** (1982), li ilha taħdem ma' Informa, il-librerija ta' media.link sa mill-2010, u inkarigata mit-tmexxija tagħha sa mill-2017; l-eks footballer **Neville Arpa** (1982).

### Robert Vaughn

Bħal-lum, fit-22 ta' Novembru 1932, twieled l-attur Amerikan Robert Vaughn li miet fl-istess xahar tal-2016, ħdax-il jum biss qabel għalaq 84 sena.

Tard f'Novembru 1971 kien ġie Malta biex jieħu sehem f'xi episodji ta' 'The Protectors' tal-ITC TV li kienu ffilmjat f'pajjiżna.

FORMULA 1

# Lewis Hamilton jirbaħ il-Grand Prix tal-Qatar

Lewis Hamilton rebaħ l-ewwel Grand Prix tal-Qatar wara li ddomina il-Grand Prix mill-bidu sa tmiem tagħha. Max Verstappen temm fit-tieni post wara li ngħata penali u kellu jibda l-Grand Prix mis-seba' post. Valtteri Bottas ukoll ingħata penali ta' żewġ positjiet wara injora il-bnadarsofor waqt il-provi tas-Sibt.

B'hekk Max Verstappen għadu fl-ewwel post tal-klassifika tas-sewwieqa iżda d-distakk naqas għal tmien punti minn ma' Lewis Hamilton. Fernando Alonso ta' Alpine spiċċa fit-tielet post għall-ewwel podium tiegħu sa mill-2014 segwit minn Sergio Perez ta' RedBull. Esteban Ocon ta' Alpine daħal fil-ħames post segwit minn Lance Stroll ta' Aston Martin. Carlos Sainz ta' Ferrari temm fis-seba' post, b'Charles Leclerc u Lando Norris jidħlu fit-tmien u fid-disa' post rispettivament.

Sebastian Vettel temm fl-għaxar post segwit minn Pierre Gasly u Daniel Ricciardo ta' McLaren. Yuki Tsunoda ta' AlphaTauri u Kimi Raikkonen ta' Alfa Romeo daħlu fit-tlettax u fl-erbatax-il post rispettivament segwiti minn Antonio Giovinazzi u Mick Schumacher. George Russell ta' Williams u Nikita Mazepin temmew fis-sbatax u t-tmintax-il post. Nicola Latifi u Valtteri Bottas ma temmewx il-Grand Prix.

Wara din il-Grand Prix issa jifdal biss żewġ Grand Prix oħra fl-Arabja Sawdija kif ukoll f'Abu Dhabi, bis-żewġ sewwieqa li qed jiġġieldu għar-rebħ tal-kampjonat f'forma mill-aqwa. Max Verstappen qed iħares li jirbaħ l-ewwel titlu tiegħu fil-Formula 1u jtemm id-dominanza ta' Mercedes fil-waqt li Lewis Hamilton se jkun qed iħares li jirbaħ it-tmien wieħed tal-karriera tiegħu.


B'din ir-rebħa Hamilton naqqas id-distakk ma' Verstappen għal tmien punti

**Kif Spiċċaw**

| | |
|---|---|
| 1. L.Hamilton | 1:24:28:471 |
| 2. M.Verstappen | +25.743 |
| 3. F.Alonso | +59.457 |
| 4. S.Perez | +62.306 |
| 5. E.Ocon | +80.570 |
| 6. L.Stroll | +81.274 |
| 7. C.Sainz | +81.911 |
| 8. C.Leclerc | +83.126 |
| 9. L.Norris | +dawra |
| 10. S.Vettel | +dawra |
| 11. P.Gasly | +dawra |
| 12. D.Ricciardo | +dawra |
| 13. Y.Tsonoda | +dawra |
| 14. K.Raikkonen | +dawra |
| 15. A.Giovanizzi | +dawra |
| 16. M.Schumacher | +dawra |
| 17. G.Russell | +2dawriet |
| 18. N.Mazepin | +2 dawriet |
| 19. N.Latifi | Ma temmx |
| 20. V.Bottas | Ma temmx |

**Klassifika tas-Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| 1. M.Verstappen | 351.5 punti |
| 2. L.Hamilton | 343.5 punti |
| 3. V.Bottas | 203 punti |
| 4. S.Perez | 190 punt |
| 5. L.Norris | 153 punt |
| 6. C.Leclerc | 152 punt |
| 7. C.Sainz | 145.5 punti |
| 8. D.Ricciardo | 105 punt |
| 9. P.Gasly | 92 punt |
| 10. F.Alonso | 77 punt |

BOV CHALLENGE LEAGUE

# Senglea jirbħu b'għaxar plejers

**Chris Cassar**

**SENGLEA A .................. 2**
**ST. ANDREW'S ............. 1**

**Senglea A:** J. Pisani, M. Ablett, E. Tawiah, B. Schembri, A. Tenorio, O. Magro, C. Sammut, N. Grech, K. Vella, M. De Lucena, B. Antignolo.

**St. Andrews**: M. Montfort, I. Azzopardi, M. D'Alessandro, N. Bradshaw, S. Martinez, J. Sixsmith, A. Nilsson, K. Sano, J. Farrugia, M. Bartolo, A. Borg Olivier.

**Referee**: Andrea Sciriha

Senglea kisbu t-tieni rebħa tal-istaġun meta f'konfront dirett bejn it-tnejn tal-aħħar fil-klassifika għelbu lil St. Andrew's 2-1 u dan minkejja li lagħbu t-tieni taqsima kollha b'għaxar plejers. Il-logħba kell-ha żewġ uċuħ bit-tim ta' Senglea jiskorja darbtejn fl-ewwel għaxar minuti, u bit-tim tas-Saints jiddomina t-tieni taqsima wara li Senglea kellhom lil Ablett imkeċċi kmieni fit-tieni taqsima.

Wara appena żewġ minuti Senglea fetħu l-iskor b'gowl mill-iktar spettakolari skorjat minn Tenorio li b'xutt minn distanza notevoli għeleb lil Montfort. Ftit wara l-istess Tenorio falla ċans tad-deheb waħdu quddiem Montfrot, iżda t-tieni gowl ma kienx 'l bogħod għaliex fl-10 minuta azjoni ta' Tenorio fuq ix-xellug u pass lejn De Lucena li b'xutt fil-baxx ma żbaljax. St. Andrew's ippruvaw iwettqu reazzjoni u kellhom l-inizjattiva għal ħinijiet twal iżda ftit li xejn kienu perikolużi. Fl-aħħar ħinijiet tal-ewwel taqsima kienu Senglea li resqu qrib b'daqqa ta' ras ta' Tenorio taħbat mal-lasta. Żewġ minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima Senglea spiċċaw b'għaxar plejers meta Matthias Ablett waqqa' lil Nilsson li kellu ċans ovvju ta' skor. Fit-52 minuta St Andrew's approfittaw meta minn kross ta' Sano kien Martinez li skorja b'xutt sabiħ.



Zverev kien ilu sentejn ma jegħleb lil avversarju Medvedev (Ritratt: EPA)

TENNIS

# Alexander Zverev jirbaħ l-ATP Finals għat-tieni darba

It-tennist Ġermaniż Alexander Zverev rebaħ l-ATP Finals għat-tieni darba fil-karriera tiegħu meta fil-final f'Turin għeleb lil Daniil Medvedev 6-4 6-4. Fil-kummenti ta' wara l-partita Zverev qal li jinsab kuntent li rebaħ is-sitt titlu għal din is-sena, fosthom il-midalja tad-deheb fl-Olimpjadi ta' Tokjo. Zverev għeleb lin-numru wieħed Novak Djokovic fis-semi finali s-Sibt li għadda, u lit-tieni seed Medvedev fil-finali, biex sar l-ewwel tennist li għamel dan fl-ATP Finals sa minn Andre Agassi fl-1990.

Zverev kien ilu għall-aħħar sentejn ma jegħleb lil Medvedev, fejn tilef ħames partiti sa mir-rebħa li kellu fuqu fl-ATP Finals f'Londra fl-2019.

FUTBOL INGLIŻ - PREMIER LEAGUE

# Man City iġibu fix-xejn lil Everton u jnaqqsu d-distakk ma' Chelsea għal tliet punti

Manchester City, iċ-champions renjanti tal-Ingilterra, taw wirja oħra pożittiva fejn ġabu fix-xejn l-isfida ta' Everton b'rebħa komda ta' 3-0 fl-Etihad Stadium.

Is-suċċess ifisser li s-Citizens ta' Pep Guardiola żammew il-pass ma' Chelsea, il-liders tal-Premier Ingliż, li nhar is-Sibt kisbu rebħa bi skor simili għand Leicester City u li fil-preżent jinsabu b'vantaġġ ta' tliet punti fuq ( it-tieni tim) City.

Man City ħarġu determinati għar-rebħa u ddominaw lil Everton f'kull dipartiment tal-grawnd. Fil-fatt kienet sorpriża li s-Citizens kellhom jistennew sa minuti mill-mistrieħ biex jifθu l-iskor – bil-gowl jasal minn Raheem STERLING (44) li rċieva mingħand Cancelo biex jiċċelebra bl-isbaħ mod it-300 logħba tiegħu fl-ogħla diviżjoni Ingliża.

Kmieni fit-tieni taqsima, il-midfielder ta' City RODRI (55) sab ir-rokna tax-xibka b'xutt missila biex effettivament temm l-isfida pjuttost fjakka ta' Everton U minn dak il-ħin, is-Citizens ikkontrollaw ir-riżultat mingħajr affann, tant li żiedu t-tielet u l-aħħar gowl minn Bernardo SILVA li sab ix-xibka minn tap-in, erba' minuti mit-tmiem


Raheem Sterling jiċċelebra l-ewwel gowl ta' Man City (Ritratt: EPA)

Ir-rebħa ta' City kienet tkun akbar li kieku l-header ta' Ilkay Gundogan ma stampax mal-lasta -- bil-gowlkiper tat-Toffees, Jordan Pickford, iwettaq saves stupendi fuq it-tentattivi ta' Bernardo Silva u Sterling,

Min-naħa tagħhom, Everton, li kellhom diversi plejers regolari neqsin, rari imponew ruħhom fuq l-avversarji u f'din il-logħba huma anki tilfu s-servizzi ta' Demarai Gray li ħareġ izappap mill-grawnd wara konfront ma' avversarju.

Fit-tieni logħba tal-programm, Tottenham Hotspur għelbu lil Leeds United, 2-1, fin-New White Hart Lane – b'din tkun anki l-ewwel rebħa fil-league għall-manager Taljan Antonio Conte mindu ħa t-tmun tal-klabb ftit tal-jiem ilu.

Intant, Leeds jistgħu jħossuhom sfortunati li ħarġu b'idejhom vojta mill-konfront meta Spurs naqsu milli jinkwadraw il-lasta darba fl-ewwel 45 minuta u li fihom il-Yorkshiremen marru qrib b'tentattivi ta' Kalvin Phillips u Adam Forshaw.

Fil-fatt, Leeds kienu premjati għall-isforzi tagħhom meta, fl-44 minuta, Daniel JAMES kien fil-post preċiż biex isammar ġewwa fuq il-cross ta' Jack Harrison għal vantaġġ minimu sal-mistrieħ.

Intant, it-tieni taqsima kellha storja differenti, b'Tottenham jolqtu l-lasta darbtejn minn Harry Kane u Song Heung-min -- u bil-gowl tad-dro jasal fis-60 minuta meta Pierre-Emile HOJBJERG sab ix-xibka b'xutt bid-dawwra, wara xogħol tajjeb minn Lucas Moura.

Il-gowl ta nifs ġdid lil Tottenham li żiedu l-pressjoni sakemm, fid-69 minuta,.il-ballun – wara l-free-kick ta' Eric Dier – ixxellef mal-ħajt difensiv ta' Leeds u spiċċa mal-lasta, b'Sergio REGUILON ikollu biċċa xogħol faċli biex jixħet ġewwa għat-2-1 finali. B'dan ir-riżultat Spurs telgħu fis-seba' post tal-Premier League waqt li Leeds jinsabu żewġ punti biss 'il fuq miz-zona l-ħamra.

**Premier League**

**Is-Sibt**

| | |
|---|---|
| Leicester v Chelsea | 0-3 |
| Newcastle v Brentford | 3-3 |
| Burnley v C'Palace | 3-3 |
| Aston Villa v Brighton | 2-0 |
| Watford v Man Utd | 4-1 |
| Wolves v West Ham | 1-0 |
| Norwich v Southampton | 2-1 |
| Liverpool v Arsenal | 4-0 |

**Ilbieraħ**

| | |
|---|---|
| Man City v Everton | 3-0 |
| Tottenham v Leeds | 2-1 |

**Kif Jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Chelsea | 12 | 9 | 2 | 1 | 30 | 4 | 29 |
| Man City | 12 | 8 | 2 | 2 | 25 | 6 | 26 |
| Liverpool | 12 | 7 | 4 | 1 | 35 | 11 | 25 |
| West Ham | 12 | 7 | 2 | 3 | 23 | 14 | 23 |
| Arsenal | 12 | 6 | 2 | 4 | 13 | 17 | 20 |
| Wolves | 12 | 6 | 1 | 5 | 12 | 12 | 19 |
| Tottenham | 12 | 6 | 1 | 5 | 11 | 17 | 19 |
| Man Utd | 12 | 5 | 2 | 5 | 20 | 21 | 17 |
| Brighton | 12 | 4 | 5 | 3 | 12 | 14 | 17 |
| Crystal Palace | 12 | 3 | 7 | 2 | 18 | 17 | 16 |
| Everton | 12 | 4 | 3 | 5 | 16 | 19 | 15 |
| Leicester | 12 | 4 | 3 | 5 | 16 | 21 | 15 |
| Southampton | 12 | 3 | 5 | 4 | 11 | 14 | 14 |
| Brentford | 12 | 3 | 4 | 5 | 16 | 17 | 13 |
| Aston Villa | 12 | 4 | 1 | 7 | 16 | 20 | 13 |
| Watford | 12 | 4 | 1 | 7 | 16 | 20 | 13 |
| Leeds | 12 | 2 | 5 | 5 | 12 | 20 | 11 |
| Burnley | 12 | 1 | 6 | 5 | 14 | 20 | 9 |
| Norwich | 12 | 2 | 2 | 8 | 7 | 27 | 8 |
| Newcastle | 12 | 0 | 6 | 6 | 15 | 27 | 6 |



# Man Utd ikeċċu lil Ole Gunnar Solskjaer

Man Utd ħabbru li Ole Gunnar Solskjaer m'għadux aktar il-coach tat-tim wara t-telfa umiljanti ta' 4-1 kontra Watford. Man Utd rebħu partita waħda mill-aħħar seba' logħbiet fosthom telfiet kontra Liverpool u Man City. Darren Fletcher u Michael Carrick mistennija jmexxu lit-tim fil-partita tal-UEFA Champions League kontra Villareal. Fl-istqarrija tagħhom Man Utd rrikonoxxew li l-aħħar ġimgħat ma kienux faċli għall-club filwaqt li rringrazzjaw lil Solskjaer tax-xogħol tajjeb li għamel fl-aħħar snin f'din il-kariga. Solskaer ħa f'idejh it-tmexxija tal-club fl-2019 wara li tneħħa Jose Mourinho.

FUTBOL TALJAN - SERIE A

# Inter jagħtu l-ewwel telfa lil Napoli

F'San Siro Inter ħasdu lil Napoli u tawhom l-ewwel telfa tal-istaġun meta għelbuhom bl-iskor ta' 3-2. B'din ir-rebħa Inter saħħu posthom fit-tielet post u jinsabu ħames punti 'l bogħod mill-istess leaders Napoli. Kienu Napoli li feθu l-iskor fis-17-il minuta meta minn pass ta' Lorenzo Insigne kien Piotr Zielinski li xeħet fil-lasta. Minkejja dan sitt minuti wara Inter ingħataw penalty meta Kalidou Koulibaly deher imiss il-ballun b'idu fil-kaxxa. Mill-ħdax-il metru Hakan Calhanoglu ma żbaljax għal 1-1. Inter daħlu jistrieħu fil-vantaġġ meta fl-44 minuta kien Ivan Perisic, li minn corner ta' Calhanoglu, xeħet ġewwa bir-ras. Inter skorjaw it-tielet gowl fil-61 minuta meta minn pass ta' Joaquin Correa kien Lautaro Martinez li kkonkluda wara David Ospina għal 3-1. Napoli skorjaw it-tieni gowl tagħhom fid-79 minuta permezz ta' Drie Mertens, liema gowl ma kienx biżejjed biex jevitaw l-ewwel telfa tal-istaġun.

Roma kisbu rebħa minima ta' 1-0 barra minn darhom għand Genoa.Iż-żewġ gowls waslu permezz ta' Felix Afena-Gyan, l-ewwel fit-82 minuta meta kkonkluda minn pass ta' Henrikh Mkihtaryan, kif ukoll fid-90 minuta b'konklużjoni preċiża.

Fi Stadio Arechi Sampdoria kisbu rebħa ta' 2-0 barra minn darhom għand Salernitana. Huma marru fil-vantaġġ fl-40 minuta meta minn cross ta' Antonio Candreva kien Francesco Di Tacchio li tefa' fil-lasta tiegħu stess għal 1-0. Sampdoria rdoppjaw tliet minuti wara meta minn pass ta' Fabio Quagliarella kien Antonio Candreva li kkonkluda fil-lasta għal skor finali ta' 2-0.

**SERIE A**

**Is-Sibt**

| | |
|---|---|
| Atalanta v Spezia | 5-2 |
| Lazio v Juventus | 0-2 |
| Fiorentina v Milan | 4-3 |

**Ilbieraħ**

| | |
|---|---|
| Sassuolo v Cagliari | 2-2 |
| Salernitana v Sampdoria | 0-2 |
| Bologna v Venezia | 0-1 |
| Inter v Napoli | 3-2 |
| Genoa v Roma | 0-2 |

**Illum**

| | |
|---|---|
| Verona v Empoli | 6.30pm |
| Torino v Udinese | 8.45pm |

**Kif Jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Napoli | 13 | 10 | 2 | 1 | 26 | 7 | 32 |
| Milan | 13 | 10 | 2 | 1 | 29 | 15 | 32 |
| Inter | 13 | 8 | 4 | 1 | 32 | 15 | 28 |
| Atalanta | 13 | 7 | 4 | 2 | 27 | 17 | 25 |
| Roma | 13 | 7 | 1 | 5 | 23 | 15 | 22 |
| Lazio | 13 | 6 | 3 | 4 | 25 | 21 | 21 |
| Fiorentina | 13 | 7 | 0 | 6 | 20 | 17 | 21 |
| Juventus | 13 | 6 | 3 | 4 | 18 | 15 | 21 |
| Bologna | 13 | 5 | 3 | 5 | 19 | 24 | 18 |
| Verona | 12 | 4 | 4 | 4 | 25 | 21 | 16 |
| Empoli | 12 | 5 | 1 | 6 | 18 | 23 | 16 |
| Sassuolo | 13 | 4 | 3 | 6 | 19 | 20 | 15 |
| Venezia | 13 | 4 | 3 | 6 | 12 | 19 | 15 |
| Torino | 12 | 4 | 2 | 6 | 15 | 12 | 14 |
| Udinese | 12 | 3 | 5 | 4 | 15 | 18 | 14 |
| Sampdoria | 13 | 3 | 3 | 7 | 17 | 25 | 12 |
| Spezia | 13 | 3 | 2 | 8 | 15 | 31 | 11 |
| Genoa | 13 | 1 | 6 | 6 | 17 | 25 | 9 |
| Cagliari | 13 | 1 | 4 | 8 | 15 | 28 | 7 |
| Salernitana | 13 | 2 | 1 | 10 | 10 | 28 | 7 |

FUTBOL LOKALI - KAMPJONAT BOV PREMIER

# Jake Grech jikkastiga lill-eks tim tiegħu u jagħti rebħa importanti lil Hibernians

**Rowen Camilleri**

**HIBERNIANS .............. 1**
**ĦAMRUN S .................. 0**

**Hibernians**: I. Kone, F. Apap, L. Almeida, R. Dos Anjos (D. Vella 12'), J. Grech (C. Uzeh), J. Degabriele, B. Kristensen (A. Attard 77'), A. Thaylor, A. Agius, G. Artilles, W. Domoraud

**Ħamrun S:** H. Bonello, D. Gojkovic, M. Guillaumier, J. Mbong, A. Oyama (S. Lagzir 77'), F. Sasere, K. Micallef, I. Ntow, C. Dielna (D. Borg 86'), E. Marcelina (L. Gambin 57'), F. El Bakhtaoui

**Referee**: Slobodan Perovic

**Assistenti Referees**: Jurgen Spiteri u Mitchell Scerri



Il-plejers Isaac Ntow u Jake Grech (Ritratt: Catriel Farrugia)

F'konfront mistenni bejn żewġ sfidanti għar-rebħ tal-unuri Hibernians fetħu vantaġġ ta' disa' punti fuq iċ-champions lokali, meta f'partita kkumbattuta għelbu liċ-champions Ħamrun Spartans bl-isor ta' 1-0. Kien gowl mill-isbaħ minn barra l-kaxxa tal-ekx Jake Grech li ta tliet punti importanti lil Hibernians għal-mixja tagħhom lejn ir-rebħ tal-kampjonat. L-Ispartans lagħbu aktar minn nofs il-partita bi plejer inqas meta fl-40 minuta tkeċċa għalihom. Faissal El Bakthaoui. Fl-ewwel disa' minuti tal-konfront iż-żewġ timijiet kellhom azzjoni kull wieħed lejn il-lasti fejn fil-5 minuta kienu Ħamrun li offrew l-ewwel periklu meta Marcelina tefa' kross mil-lemin li sab lil Sasere iżda l-konklużżjoni tan-Niġerjan spiċċat barra. Fid-9 minuta mbad azzjoni fuq in-naħa l-oħra meta kien Jurgen Degabriele li nkraiga ruħu minn free-kick mix-xellug u tefa' kross insidjuż li sab lil Andrei Agius li minn qagħda favorevoli tefa barra bir-ras. Fil 21 minuta Hibernians marru minn fuq. Kien l-eks plejer Ħamruniż JAKE GRECH li minn azzjoni personali avvanza lejn in-nofs u minn barra l-kaxxa spara xutt fl-anglu tax-xibka bil-gowlkiper Bonello megħlub għal kollox. Ħames minuti minn tmiem l-ewwel taqsima l-affarijiet komplew imorru ħażin għaċ-champions lokali meta wara li kkonsulta mal-assistent Slobodan Petrovic ura karta ħamra diretta lil Faissal El Bakhtaoui wara li jidher li kellu kuntatt ma' Dunstan Vella. Fil-ħin miżjud tal-ewwel taqsima Hibernians fallew ċans li jidħlu jistrieħu tnejn minn fuq meta wara ħarba tipika minn tiegħu,Thaylor tefa' kross fin-nofs lejn Artilles li waħdu quddiem Bonello tefa' inkredibilment barra. L-ewwel azzjoni perikoluża tat-tieni taqsima waslet fid-59 minuta mill-iskwadra ta' Sanderra meta Thaylor tefa ballun mal-linja lejn Grech li avvanza u qassam lejn in-nofs fejn sab lil Degabriele, b'dan tal-aħħar jidħol fil-kaxxa iżda x-xutt tiegħu għadda barra. Fit-82 Ħamrun fuq l-attakk iżda l-konklużżjoni tas-sostitut Lagzir ġiet milqugħa tajjeb minn Kone. Fid-89 minuta Ħamrun għoddhom hasdu lil Hibernians meta l-konklużżjoni minn barra ta' Guillaumier ħabtet mal-mimduda. Fl-aħħar azzjoni tal-partita reġa kien is-sostitut Lagzir li ttanta xortih minn barra iżda x-xutt fil-baxx tiegħu għadda ftit barra.

**KAMPJONAT BOV PREMIER**

**Is-Sibt**

**Tony Bezzina Stadium**

| | |
|---|---|
| Mosta v Gżira Utd. | 2-2 |
| Gudja Utd. v Floriana | 0-1 |

**National Stadium**

| | |
|---|---|
| Sliema v Valletta | 2-1 |

**Ilbieraħ**

**Tony Bezzina Stadium**

| | |
|---|---|
| Santa Lucia v Birkirkara | 2-0 |

**National Stadium**

| | |
|---|---|
| Sirens v Balzan | 1-6 |
| Hibernians v Ħamrun | 1-0 |

**Kif Jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 9 | 6 | 3 | 0 | 18 | 8 | 21 |
| Floriana | 9 | 4 | 4 | 1 | 13 | 8 | 16 |
| Balzan | 9 | 5 | 0 | 4 | 14 | 9 | 15 |
| Birkirkara | 9 | 4 | 3 | 2 | 14 | 10 | 15 |
| Valletta | 9 | 4 | 1 | 4 | 13 | 15 | 13 |
| Ħamrun S. | 9 | 4 | 0 | 5 | 10 | 10 | 12 |
| Sirens | 9 | 3 | 2 | 4 | 13 | 19 | 11 |
| Gżira U. | 9 | 2 | 4 | 3 | 11 | 12 | 10 |
| Mosta | 9 | 2 | 4 | 3 | 14 | 17 | 10 |
| Santa Lucia | 9 | 1 | 6 | 2 | 14 | 16 | 9 |
| Gudja U. | 9 | 2 | 1 | 6 | 9 | 14 | 7 |
| Sliema W. | 9 | 1 | 4 | 4 | 9 | 14 | 7 |

# Balzan b'rebħa dominanti fuq Sirens

**BALZAN ....................... 6**
**SIRENS ....................... 1**

**Balzan**: J.Galea, A.Loof, M.Grima (J.Grech 72′), M.Duric (P.Mota 59′), A.De Paixao (N.Frendo 59′), U.Ljubomirac (B.Kaljevic 72′), S.Cipriott (P.Fenech 59′), M.Zlatkovic, G.Camilleri, M.Mijic, A.Andrejic

**Sirens**: S.Mintoff, A.Blanco, K.Reid, A.Effiong (B.Gavrilla 67′), A.Borg, J.Walker, C.Zammit Lonardelli, A.Cini, C.Riascos, D.Jackson, V.Vieira (F.William Avoce 67′)

**Referee**: I.Barbara

**Assistenti Referees**: R.Vella, J.Muscat

Fl-Istadium Nazzjonali Balzan kisbu rebħa dominanti fuq it-tim ta' Sirens bl-iskor ta' 6-1. Huma fetħu l-iskor fis-7 minuta meta kien Milan Duric li kkonkluda fix-xibka għal 1-0. Huma rdoppjaw fis-16-il minuta meta kien Milos Mijic li b'xutt minn tarf il-kaxxa għeleb lil Mintoff għal 2-0. Balzan komplew jiddominaw u skojraw it-tielet gowl fit-33 minuta, meta minn azzjoni ta' Aleks Andrejic, kien Alex Da Paixao li kkonkluda fil-lasta. Ħames minuti wara wasal ir-raba' gowl għal Balzan, meta kien Uros Ljubomirac li minn pożizzjni tajba għeleb lil Mintoff b'xutt fil-baxx. Biex tliet minuti qabel tmiem l-ewwel taqsima, Balzan skojraw il-ħames gowl tagħhom, meta għal darb'oħra reġa' kien Uros Ljubomirac li żmarka ruħu fil-kaxxa u għeleb lil Mintoff għat-tieni darba. Fit-tieni taqsima iż-żewġ timijiet naqqsu r-ritmu tagħhom, b'Sirens jiskorjaw gowl ta' konsolazzjoni fit-78 minuta permezz ta' penalty ta' Vitor Vieira. Biex fit-88 minuta kien is-sostitut Bojan Kaljevic li mill-viċin tefa' fix-xibka għal 6-1.

# Santa Lucia bl-ewwel rebħa tal-istaġun

**SANTA LUCIA ............. 2**
**BIRKIRKA .................. 0**

**Santa Lucia**: J.Archibald, A.Prates, J.Pisani, N.Pulis, G.Conti (A.Vella 87′), P.Silva, V.Plut (F.Farias 71′), A.Souza (K.Xuereb 66′), V.Filho, J.Zerafa (J.Tanti 66′), D.Xuereb

**Birkirkara**: D.Fernandes, E.Pepe, Y.Yankam (R.Scicluna 46′), L.Montebello, P.Mbong (C.Bonanni 46′), F.Falcone (K.Bevis 46′), C.Attard, O.Carniello (J.Valletta 90′), L.Aguirre, J.Macedo (N.Borg 79′), D.Venancio

**Referee:** P.Farrugia

**Assistenti Referees**: A.Camilleri, C.Francalanza



Azzjoni f'nofs il-grawnd bejn plejers avversarji (Ritratt: Trevor Sollars)

Fit-Tony Bezzina Stadium, Santa Lucia kisbu l-ewwel rebħa tal-istaġun meta għelbu lil Birkirkara bl-iskor ta' 2-0. Min-naħa l-oħra din kienet it-tieni telfa għal Birkirkara, liema telfa tħallihom wara Hibernians u Floriana fit-taqtiegħa għar-rebħ tal-Kampjonat.

Santa Lucia skorjaw il-gowls tagħhom fl-ewwel taqsima meta huma fetħu l-iskor fil-25 minuta permezz ta' Gianmarco Conti li għeleb lil Daniel Fernandes għal 1-0. Huma rdoppjaw għaxar minuti wara meta r-referee Philip Farrugia ordna penalty għal Santa Lucia, b'Alan Souza mill-ħdax-il metru ma jiżbaljax għal 2-0. Fl-azzjoni tal-penalty tkeċċa id-difensur ta' Birkirkara Enrico Pepe għat-tieni karta safra. Fit-tieni taqsima Santa Lucia wkoll spiċċaw jilagħbu b'għaxar plejers meta tkeċċa għalihom Vicotr Luiz għat-tieni karta safra.



Il-qerda li ħallew nirien li ħakmu l-foresta tal-Amażon fil-Brażil, reġjun li huwa meqjus bħala l-pulmun tad-dinja u li huwa kruċjali għall-klima tad-dinja għaliex qed iżomm ġo fih ammont kbir ta' dijossidu tal-karbonju waqt li jservi biex inaqqas ir-ritmu tat-tibdil fil-klima. Il-qerda li ħallew dawn in-nirien fil-jiem li għaddew kien ta' tħassib kif fost xjentisti u esperti fil-qasam ambjentali. Dan ukoll meta l-proċess magħruf bħala deforestation sfortunatament għamel qabża allarmanti ta' 22 fil-mija f'sena waħda biss.

# Il-Qorti qieset kunċetti rrelevanti għall-kriminalità fil-każ ta' akkużati li żammew ġurnalisti

**Ray Abdilla**

Kunċetti li ttieħdu f'kunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati meta waslet għas-sentenza tagħha f'każ kontra tliet irġiel akkużati li żammew illegalment ġurnalisti wara laqgħa tal-Kabinett tard fil-lejl f'Kastilja f'Novembru 2019, kienu irrilevanti għar-reat li bih ġew akkużati l-irġiel qal l-Avukat Etienne Savona, li kien qed jidher f'isem l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

Jody Pisani, Mark Gauci u Emanuel McKay ġew illiberati mill-akkużi minħabba n-nuqqas ta' provi biżżejjed biex jippruvaw li kien hemm arrest illegali. Il-ġurnalisti inkwistjoni kienu Monique Agius u Miguela Xuereb minn Newsbook.com.mt, Paul Caruana Galizia u Julian Bonnici, li kienu qed jirrappurtaw konferenza stampa straordinarja msejħa wara laqgħa twila tal-Kabinett li matulha t-talba ta' Yorgen Fenech għal maħfra presidenzjali kienet ġiet diskussa u sussegwentement miċħuda.



Savona għamel is-sottomissjonijiet tiegħu li matulhom sostna għaliex il-Qorti tal-Maġistrati ppreseduta minn Joe Mifsud applikat il-liġi bi żball meta ddeċidiet il-każ. L-Avukat tal-AĠ sostna li l-Qorti kkunsidrat element li kien irrilevanti għad-dispożizzjoni inkwistjoni meta ddeċidiet il-każ.

Savona nnota li l-Qorti qalet li matul il-proċeduri, ma ġiex stabbilit min kien ta l-ordni biex jingħalaq il-bieb u f'liema ħin jistgħu jitilqu dawk preżenti fosthom il-ġurnalisti. Sostna li anke bil-preżenza tagħhom setgħu kienu qed iżommu ġurnalisti kontra r-rieda tagħhom.

B'referenza għax-xhieda mogħtija quddiem il-Maġistrat Mifsud minn Paul Caruana Galizia, Savona qal li x-xhud għamel enfasi fuq il-bieb minn fejn il-ġurnalisti tħallew jidħlu fis-sala tal-konferenzi. Il-Qorti kienet innutat li kien hemm bibien oħra; madankollu dan irid jitqiegħed f'kuntest, sostna l-Avukat tal-AĠ.

Billi uża l-awla bħala eżempju, Savona qal li timmaġina li xi ħadd li ma kienx familjari mal-Qorti ġie fl-awla. Meta wasal iż-żmien li titlaq, persuna mhux identifikata timblokka l-ħruġ minn fejn il-persuna kienet daħlet. Żied jgħid li wieħed kien se jħalli post mhux familjari billi juża l-istess rotta li kien uża biex jidħol. Ikkonferma li l-fatt li kien hemm bibien oħra fis-sala tal-konferenzi kien irrilevanti, peress li l-ġurnalisti li ressqu l-ilment ma kinux familjari mal-post.

Saħaq li l-irġiel imblukkaw l-aċċess għall-bieb użat mill-midja biex jidħlu fis-Sala tal-Ambaxxaturi. L-Avukat tal-AĠ għamel referenza għal osservazzjoni oħra mill-Qorti tal-Maġistrat, li fiha, il-Qorti kienet sostniet: "Mill-filmat ħareġ li xi ħadd li ma kienx identifikat kien fetaħ il-bieb min-naħa l-oħra. Dan juri li l-kontroll fuq il-bieb ma kienx minn ġewwa." Savona li żied li, fix-xhieda tiegħu, Caruana Galizia kienet iddeskriviet lill-irġiel bħala li qed iġibu ruħhom bħala *bouncers*.

Hu nnota li l-filmati juru lil Pisani jżomm ma' manku tal-bieb filwaqt li McKay kien qed iżomm mal-ieħor. Il-Qorti kellha tara jekk l-elementi tar-reati jeżistux, sostna Savona, u żied li l-Qorti kellha tiddetermina jekk il-vittmi kinux miżmuma kontra r-rieda tagħhom. "Hemm wirja ta' forza fil-fatt li qed iżommu l-pumi tal-bibien, u b'hekk ixekklu l-aċċess," qal Savona, u żied: "Din l-imġieba tħalli impressjoni fuq il-vittmi li jistgħu jaslu għal daqqiet. L-inċident kollu kien xokkanti u trawmatiku għall-vittmi."

Għad-dispożizzjoni dwar l-arrest illegali, huwa irrilevanti li jiġi kkunsidrat jekk il-vittma daħlitx ġewwa l-bini volontarjament jew le, qal l-Avukat.

Innota wkoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet li l-elementi tal-arrest illegali huma tnejn, l-ewwel il-konfinament ta' persuna u t-tieni li tali għeluq isir kontra r-rieda tal-persuna miżmuma.

"Dawn huma ż-żewġ elementi li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tiddetermina jekk jeżistux jew le. Madankollu, l-Qorti applikat kunċetti li huma irrilevanti għad-dispożizzjoni relattivament qasira," temm jgħid Savona.

Il-kawża ġiet differita għat-Tlieta 23 ta' Novembru f'nofsinhar meta l-*parte civile* tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha u mbagħad ikun f'idejn l-Avukati tal-appellati li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.